# QORTI CIVILI – PRIM’AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 36/2017 MH**

**Illum, 2 ta’ Marzu, 2018**

**Sharon Rose Roche nee’ Bellamy u Dr. Noel Bartolo u PL Jeremy Buttigieg li permezz ta’ Nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali datata 12 ta’ Gunju, 2017 gew nominati kuraturi *ad litem* sabiex jirrapprezentaw lil binha minuri Kaden Mario Roche u b’ digriet tas-27 ta’ Ottubru 2017 il-Prokuratur Legali gie sostitwit bil-PL Helen Valenzia**

**vs**

**Direttur Tad-Dipartiment Ghall-Istandards Fil-Harsien Socjali u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Sharon Rose Roche neé Bellamy tad-19 ta' Mejju 2017** li permezz tieghu premettiet:

*"Illi hija cittadina Maltija u zzewget lill-Michael Dean Roche f'Ghawdex fis-27 ta' Lulju 2007 minn dan iz-zwieg twieled il-minuri Kaden Mario Roche hawn Ghawdex fl-1 ta' Ottubru 2011.*

*Illi l-hajja matrimonjali bejn l-esponenti u zewgha saret impossibbli u f'Awwissu tas-sena 2014 hija rritornat lura hawn Malta flimkien ma binha minuri u bdiet proceduri ta' separazzjoni personali li jirrigwardaw kull aspett tal-hajja matrimonjali nkluza dik tal-kura u l-kustodja tal-minuri Kaden Mario.*

*Illi r-ragel Michael Dean Roche accetta l-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' dawn il-gzejjer u beda jikkontesta f'dawn il-gzejjer il-kawza ta' separazzjoni u nkluza wkoll il-kwistjoni tal-kura u l-kustodja.*

*Illi seba' xhur wara l-attrici giet rinfaccjalta bi proceduri ghar-ritorn tal-minuri taht il-Kapitolu 410 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-Qorti tal-Prim Istanza sabet ragunijiet sufficenti sabiex tichad it-talba tad-Direttur intimat liema Qorti kellha l-possibilta li tgħix il-każ u teżamina u tevalwa l-komportament tax-xhieda rispettivi. Il-Qorti tal-Appell li hija biss Qorti ta' Reviżjoni u mhux aktar marret kontra l-ġurisprudenza stabbilita minnha stess tul iż-żmienijiet, ġurisprudenza li tgħid li dak li*

*huwa apprezzament ta' fatt, il-Qorti tat-Tieni Istanza ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Ewwel Istanza u ordnat ir-ritorn.*

*Illi wara din is-sentenza l-esponenti fethet proceduri kostituzzjonali fejn talbet li jigi dikjarat li l-esekuzzjoni tas-sentenza ta' ritorn tirrizulta bi ksur tad-dritt fundamentali taghha u tal-minuri, ghal dak li jirrigwarda smiegh xieraq kif ukoll id-dritt ta' harsien ta' privatezza u hajja familjari.*

*Illi l-kawza kostituzzjonali giet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2017 kontra l-esponenti imma li fil-konfront taghha l-esponenti tinsab fil-process li tistitwixxi proceduri quddiem il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali fis-Sede Taghha fil-belt ta' Strasbourg taht il-Konvenzjoni Ewropew Dwar il-Harsien ta' Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem 1950.*

*Illi nel frattemp irrizultaw avvenimenti li ma gewx a skruttinju tal-Qorti fil-kawza kostituzzjonali fuq imsemmija li jintitolaw lill-esponenti tinvoka l-vjolazzjoni ta' dritt fundamentali evokat f'dik il-kawza izda ma jimpedixxix lil dina l-Qorti li tisma u tiddeciedi dwar il-ksur ta' dritt fundamentali taht l-istess artikolu minghajr ma jkollha l-impediment tar-'res indicata'.*

*Illi fost ic-cirkustanzi godda li jintitolaw lill dina il-Qorti tezamina u tisma' l-kaz taht l-artikolu jew artikoli gia invokati kemm il-moghdija ta' zmien u cioe' l-fatt li il-minuri issa lahaq issetilja f'dawn il-gzejjer u l-fatt iktar importanti li llum l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja giet deciza minn Qorti Maltija favur l-esponenti fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati Ghawdex Superjuri Sezzjoni Familja fil-kawza fl-ismijiet "Sharon Rose Roche nee' Bellamy vs Dean Michael Roche" Sworm Application No. 12/2015 JVC fil-21 ta' Frar 2017.*

*Illi f'dik is-sentenza dik l-Onorabbli Qorti qalet hekk:*

> *"This Court will not go into the merits of whether or not plaintiff was legally right in coming to Gozo and staying here with the minor as by doing so Court would be going into merits of judgements already given on the matter by other Courts. However, this Court has lived these separation proceedings from their begining and is convinced, after again emphasising hearing both parties give evidence in front of her, that the best decision concerning the child is that he lives with his mother surrounding by an extended family that helps him feel loved and welcome both at home and outside. The child is now settled in Gozo and this situation has persisted for at least two and a half years. His mother works from home and is thus abale to spend ample time with him and provide for his needs. Forcing the child to go back to live in the United Kingdom, even if with his mother, away from the life he has been used to for these last two and a half years (from the age of three onwards) which years are considered to be very formative for children of such young age would be outright injustice against the child and would definitely not be in his best interest. Should the child and the mother be forced to go live in the United Kingdom this would also mean that they would be forced to go back to a secluded life as the one they had to endure before the breakdown of the marriage this especially due to the fact that the mother has no support in the United Kingdom.*
>
> *On the other hand this Court is convinced that the defendant does not have neither the time due to his heavy work commitments nor*

*the willpower to granted and exercise full care and custody of the child. Even the defendant himself in his reply to the sworn application does not insist on full care and custody by simply requests ample access. This apart from the fact that such a decision would result in the complete uprooting of the child's life as it has now been for the last two and a half years. Court cannot imagine the permanent harm such a decision would make to such a small child at such a sensitive age. Court is convinced that should it grant care and custody to the father, it will not be the father raising the child but probably his relatives such as his mother and sister. This due to his heavy work commitment which appear to take first hand importance over and above everything else in his life including work meetings overnight seasoned by his habit of going to the pub for a 'drink' on various nights of the week. In two and a half years defendant managed to visit his child only a few number of times that can be added on one hand with the excuse of his work commitments. This proves to this Court that he does not have the will nor the attitude to put his child's best interest to the forefront and this conflicts with plaintiff's attitude throughout these proceedings in making her utmost to safeguard her child's best interest.* ***Court is convinced that defendant's insistence on taking the child back to the United Kingdom is fuelled by his sense of 'vendetta' and not because he truly believes that it is in the best interest of his son. This Court also cannot rule out other incidents wherein defendant may be violent towards his children and does also towards Kaden since it has been provided with ample evidence that this has already happened with his daughters."***

*(Enfasi tal-Qorti)*

*Illi d-dar matrimonjali tal-esponenti mal-imsemmi zewgha Michael Dean Roche kienet tinsab fi Triq San Blas, Nadur, Ghawdex u mixtriha f'isimhom it-tnejn bl-indirizz 'Narcisa', Triq San Blas, Ghawdex. Il-minuri Kaden Mario huwa cittadin Malti u jattendi l-iskola f'Ghawdex u ilu hekk jattendi sa mis-sena 2014. Ir-rapporti tal-iskola kif ukoll fattur iehor juri li l-minuri jinsab stabbilit fl-ambjent tieghu u sejjer tajjeb hafna l-iskola, ghamel hafna hbieb u jhobb l-iskola fejn imur kif ukoll l-ambjent tal-familja estiza li tinkludi wkoll in-nanniet tieghu. Il-familja ta'ommhu l-esponenti: Jekk jkollha thalli dawn il-gzejjer u tmur tghix fir-Renju Unit kif iridha taghmel ir-ragel Michael Dean Roche l-attrici m'ghandiex is-sostenn li tinhtiega fit-trabbija tal-minuri li tieghu hi l-'primary carer' u lanqas ma ghandha dar fejn tmur toqghod ghaliex id-dar fejn kienet toqghod fir-Renju Unit hija  tal-imsemmi Michael Dean Roche li minnhu hija llum separat. Fir-Renju Unit l-esponenti la ghandha hbieb u lanqas ma tista' tahdem ghaliex ix-xoghol taghha huwa mid-dar taghha f'Ghawdex ma kumpannija residenti fl-Olanda. Jekk l-esponenti tigi mgieghla tirritorna bit-tifel minuri fir-Renju Unit sejra tkun, kemm hi u kemm binha assoggettati ghal trattament degradanti u inuman kif  ukoll sejjer jigi vjolat id-dritt ta' privatezza u dak tal-hajja familjari taghhom.*

*Illi kif gia nghad, il-minuri barra li twieled hawn Malta u ghamel l-ewwel sitt xhur ta' hajjtu f'dawn il-gzejjer ilu stabbilit hawn Ghawdex minn Awwissu tas-sena 2014 barra minn dawk id-drabi li gie biex izur Ghawdex fi zjarat estizi biex jqatta zmien man-nanniet materni.*

*Illi minkejja dak kollu li gara bejn Awwissu 2014 sal-lum il-minuri stabbilixxa ruhhu f'dawn il-gzejjer u dan il-fattur taz-zmien ma jistax jigi njorat tant hu hekk illi:*

i. *Imqarr skond il-Konvenzjoni Ajja dwar l-aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri r-ritorn tal-minuri huwa mandatarju fi zmien sena mis-sekwestru. L-Awtorita' gudizzjarja jew amministrattiva, ukoll meta l-procedimenti jkunu inbdew wara li jkun ghalaq il-perjodu ta' sena ma tordnax ir-ritorn tal-minuri jekk jirrizulta' li l-minuri issa addatta ruhhu fl-ambjent il-gdid tieghu. U dan hu l-kaz odjern fejn il-minuri Kaden Mario ilu f'dal-pajjiz ghal tlett (3) snin shah li huwa perjodu ta zmien aktar minn dak li fih ghadda fir-Renju Unit.*

*Ghandu jigi precizat illi z-zmien li ghamel gewwa dan il-pajjiz jirraprezenta z-zmien formattiv tieghu ghaliex jinsab fl-eta fejn il-minuri jibda jidentifika ruhu mal-ambjent u l-post li fih jirrisjedi. Iz-zmien li ghamel fir-Renju Unit kien jirraprezenta zmien fejn kien ghadu tarbija u l-unika kuntatt influenti li kellu kien propju ma' ommu li hija l-primary carer.*

ii. *Fil-kawzi ta' sekwestru ta' minuri jew bdil fir-residenza ordinarja l-moghodija ta' zmien huwa fattur importanti:*

> *"The Court must therefore place itself at the time of the enforcement of the impugned measure (see mutatis mutandis, Maslov v Austria [GC] no. 1638/03 §91ECHR 2008. If it is enforced at a time after the child's abduction, that may undermine, in particular the pertinence of the Hague Convention in such a situation, it being essentially an instrument of a procedural nature and not a human rights treaty protecting individuals on an objective basis."*

> *(Newlinger And Shuruk vs Switzerland. Application no. 41615/07).*

*L-Arikolu 12, it-tieni paragrafu tal-Konvenzjoni Ajja tghid car u tond li l-Qorti mhijiex obbligata tibghat lura lil minuri "if it is demonstrated that the child is now settled in his or her new environment" (ara f'dan ir-rigward, "Koous vs Italy, no. 68183/01§§ 51 et seq., 30 ta' Settembru 2008).*

*Fil-kawza Newlinger et Shuruk vs Switzerland (Application no. 41615/07) il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali, gibdet paragun fil-kazistika li tirrigwarda t-tkeccija tal-barranin (ara Maslov vs Austria [GC] no. 1638/03§ 68 ECHR 22 May 2008) skond liema biex wiehed jikkunsidra l-proporzjonalita' ta' mizura ta'tkeccija rigward tifel li jkun issetilja fil-pajjiz li fih jinsab;*

> *"it is necessary to take into account the child's best interests and well-being, and in particular the seriousness of the difficulties which he or she is likely to encounter in the country of destination and the solidity of social, cultural and family ties both with the lost country and with the country of destination" (ara Uner v The Netherlands [GC], no. 46410/99§ 57, ECHR 2006 – XII).*

*Fil-kaz li kellha l-Qorti Ewropea fil-kawza ta' 'Newlinger', l-Qorti Ewropea nnutat li l-minuri kien ilu fil-pajjiz fejn kien jinsab ghal certu numru ta' snin (l-istess bhal fil-kaz in esami) min meta kellu sentejn, u baqa' jghix hemmhekk kontinwament, kien qed jattendi l-iskola u beda jitkellem bil-franciz u kompliet tghid:*

> *"**Even though he is at an age whre he still has a certain capacity for adaptation, the fact of being uprooted again from his habitual environment would probably have serious consequences for him**, [...]. His return to Israel cannot therefore be regarded as beneficial". (Enfasi tal-esponenti)*

iii. *Il-kwistjoni tal-moghdija taz-zmien ghandha wkoll importanza meta wiehed jigi biex iqis id-disturb sproporzjonat ( u mhux semplici inkonvenjent) tal-attrici li hija l-'primary carer meta tigi sfurzata tirritorna f'pajjiz fejn ma thossha xejn 'safe' u fejn il-logistika tal-hajja tirrendiha f'sitwazzjoni inumana u bla bzonn x'hin komparata mas-sitwazzjoni taghha fil-present. Il-problema li l-omm sejra tifficcja jekk tigi nfurzata tirritorna fi 'Newlinger' il-Qorti Ewropea hadet dawn il-fatturi in konsiderazzjoni u qalet espressament "**it is clear that such a scenario would not be in the best interests of the child, the first applicant probably being the only person to whom he relates**" (§ 149). F'dak il-kaz il-Qorti kkunsidrat li r-ritorn tal-omm jista' jkun problematiku u jekk din tintbaghat il-habs "**the father's capacity to do so [li jiehu kura tal-minuri] may be called into question , in view of his past conduct and limited financial resources**" (§ 150).*

iv. *Lanqas ghandu jirrenja hawnhekk l-argument ta' tpattija ta' minn ghamel hazin ghandu jpatti ghal ghemilu bhalma ghamlet dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u f'kaz iehor meta esprimiet ruhha b'dan il-mod "l-omm ma tistax issa tinqeda bir-rizultat tal-illegalita' taghha, biex tahrab mill-konsegwenzi legali ta'*

*ghemilha" (ara sentenza tal-Imhallef Anna Felice, in re "Sharon Rose Roche nomine vs L-Avukat Generali et, 28 ta' Lulju 2016). Hawnhekk si tratta mhux minn kastig u tpattija imma filli wiehed isib x'inhu l-ahjar interess tal-minuri u x'inhi l-hsara li spostament mill-gdid wara li dan rabba l-gheruq f'dal-pajjiz jista' jgib fuq l-istess minuri u l-ebda konsiderazzjoni ohra.*

v. *Lanqas ma hija kwistjoni ta' liema Qorti ghandha tiddeciedi l-kwistjoni ta' kura u kustodja ghaliex din illum giet deciza b'mod definittiv mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti tal-Familja in re Swron Application 12/2015 JVC "Sharon Rose Roche nee' Bellamy vs Dean Michael Roche" – 21 ta' Frar 2017 fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri Kaden Mario Roche giet affidata esklussivament lill-attrici bi dritt ta' access liberu favur ir-ragel. Mhuwiex il-kaz li l-minuri jigi ritornat lejn ir-Renju Unit biex il-Qorti ta' dak il-pajjiz jiddeciedi dwar il-kura u kustodja.*

vi. *Piu' lanqas ma hi kaz ta' nfurzar tal-Konvenzjoni Ajja jew xi obbligi internazzjonali li ghandu l-Istat Malti ghaliex skond il-gurisprudenza ta' Strasburgu l-Konvenzjoni Ajja mhijiex ghajr konvenzjoni procedurali, mhix ta' sustanza u ghalhekk ghandu jinstab bilanc bejn id-diversi konvenzjonijiet internazzjonali, l-istess Konvenzjoni Ajja ma tipprevalix fuq konvenzjonijiet ohrajn ta' drittijiet sostenzjali bhalma hija l-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali (1950). Infatti l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strassbourg hija mimlija b'sentenzi fejn id-decizjoni ta' ritorn tal-qorti municipali ma giex infurzata proprju ghaliex tilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem (ara fost ohrajn "Newlinger and Shuruk vs Switzerland" Application 41615/07 deciz 6 ta' Lulju 2010,*

> *"Sneersone and Kampala vs Italy" Application no. 14737/09, deciza 12 ta' Lulju 2011, "X vs Latvia" [GC] Application 27853/09, deciza fis-26 ta' Novembru 2013, "Phostira Efthymion et Ribeiro Fernandes vs Portugal" Application no. 66775/11, tal-5 ta' Frar 2015, "B vs Belgium" Application no. 4320/11 deciza 10 ta' Lulju 2012.*

*Illi llum is-sitwazzjoni hi li l-attrici ghandha favur taghha is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili Sezzjoni Familja tal-21 ta' Frar 2017 li ddecieda il-kura u l-kustodja favur taghha ( dejjem ghaliex il-missier accetta l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin) u sentenza ohra, dik tal-Qorti tal-Appell li ordnat ir-ritorn tal-minuri fir-Renju Unit sabiex il-kwistjoni ta' kura u kustodja tigi deciza mill-Qorti tar-Renju Unit (sic). Dan l-istat ta' fatt minbarra mill-vjolazzjoni ta'dritt fundamentali tal-atturi minhabba trattament degradanti u inuman, u minhabba indhil fil-hajja privata u tal-familja taghhom, kif gia inghad igib ukoll ksur ta' dritt fundamentali iehor sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u cioe' dak tac-certezza legali li tahtha huma ghandhom jirregolaw irwiehom. Dan il-principju huwa wkoll sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi uhud mil-Qrati Maltin li messew ma din il-kawza qed jinjoraw fattur fundamentali f'dan kollu li l-missier gie hawn Malta, accetta l-gurisdizzjoni tal-Qrati Malti u kkontesta l-kawza ta' separazzjoni personali nkluza l-kwistjoni ta' kura u kustodja u qed jippretendi li wara tlett snin jikkontesta l-kwistjoni hawn Malta, il-minuri jintbaghad ir-Renju Unit biex jittanta xortih hemmhekk.*

*Illi fi kwalunkwe kaz ir-ritorn ordnat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ottubru 2015 ser jirrizulta f'ezercizzju inutli izda li jimporta ndhil bla bzonn fil-hajja familjari tal-atturi ghaliex galadarba l-gurisdizzjoni ta' liema Qorti ghandha tiddeciedi l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja hija radikata fil-Qrati Maltin, il-Qrati tar-Renju Unit ma ghadx baqghalhom gurisdizzjoni f'dil-materja u ma jistghu jaghmlu xejn ghajr li jergghu jibghatu l-minuri hawn Malta. Dan barra milli huwa ezercizzju akkademiku sejjer jirrizulta f'mohqrija bla bzonn u ndhil fil-hajja privata u familjari tal-esponenti: haga li l-ebda Qorti m'ghandha tippermetti.*

*Illi jekk jithalla li jigri hekk u cioe' li l-minuri jintbaghad lura fir-Renju unit sejjer ikun hemm ksur tad-drittijiet fundamental tal-esponenti, omm u iben minhabba li t-tnejn li huma ghalkemm jista' jkun b'mod differenti sejjrin isofru ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem kif  ser jinghad:*

i. *Ksur tad-dritt fundamentali tal-projbizzjoni minn trattament degradanti u inuman skond l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

ii. *Minhabba l-bdil fic-cirkustanzi u in kwantu s-sentenza tal-Qorti tal-Appell irrigwardat sitwazzjoni li kienet tezisti sena ilu ma haditx in konsiderazzjoni fatturi li graw wara t-30 ta' Ottubru 2015 hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

iii. *Hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi a tenur tal-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta) peress li fl-*

*istat attwali l-atturi jinsabu f'incertezza dwar x'inhuma d-drittijiet u obbligi legali taghom jew x'inhu esattament il-posizzjoni legali taghhom.*

*GHALDAQSTANT l-esponenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *Tiddikjara illi r-ritorn tal-minuri Kaden Mario Roche lejn ir-Renju Unit fic-cirkustanzi prezenti u attwali jikkostitwixxi ksur ta' dritt fundamentali sew tal-omm u kemm tal-minuri tal-projbizzjoni minn trattament degradanti u inuman skond l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

ii. *Tiddikjara wkoll li tali ritorn huwa bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq imsemmija.*

iii. *Tiddikjara wkoll li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ottubru 2015 fuq imsemmija tqieghed lill-esponenti f'konflitt ma dik li hija l-posizzjoni legali korretta li tohrog mid-dritt internazzjonali privat u mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni Familja tal-21 ta' Frar 2017 u ghalhekk f'incertezza legali u dana bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*iv. Taghti dwak ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni nkluz il-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.*

*Bl-ispejjes."*

Rat **ir-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali u tal-Avukat Generali tal-10 ta' Lulju 2017**[1] li permezz taghha ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

*"Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti qed tallega illi '[j]ekk l-esponenti tigi mgieghla tirritorna bit-tifel minuri fir-Renju Unit sejra tkun, kemm hi u kemm binha assoggettati ghal trattament degradanti u inuman kif ukoll sejjer jigi vjolat id-dritt ta' privatezza u dak tal-hajja familjari taghhom. [...] Illi llum is-stiwazzjoni hi li l-attrici ghandha favur taghha is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili Sezzjoni Familja tal-21 ta' Frar 2017 li ddecieda il-kura u l-kustodja favur taghha (dejjem ghaliex il-missier accetta l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin u sentenza ohra, dik tal-Qorti tal-Appell li ordnat ir-ritorn tal-minuri fir-Renju Unit sabiex il-kwistjoni ta' kura u kustodja tiġi deciza mill-Qorti tar-Renju Unit. Dan l-istat ta fatt minbarra mill-vjolazzjoni ta' dritt fundamentali tal-atturi minhabba trattament degradanti u inuman, u minhabba indhil fil-hajja privata u tal-familja taghhom, kif gia inghad igib ukoll ksur ta' dritt fundamentali iehor sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u cioe dak tac-certezza legali li tahtha huma ghandhom jirregolaw irwiehom. Dan il-principju huwa wkoll sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. [...] Illi fi kwalunkwe kaz ir-ritorn mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell*

[1] Fol 22 et seq

*tat-30 ta' Ottubru 2015 ser jirrizulta f'ezercizzju inutili izda li jimprta ndhil bla bzonn fil-hajja familjari tal-atturi [...]'.*

*Illi hekk identifikati r-raġunijiet tar-rikorrenti in sostenn tat-talbiet tagħha, tajjeb li qabel kull konsiderazzjoni oħra u qabel l-esponenti jwiegbu ghar-rikors promotur, jiġu ripprodotti l-fatti li ġew stabbiliti fil-kawża fejn intalab ir-ritorn tal-minuri liema fatti vera marbutin mal-każ in kwistjoni:*

i. *Illi r-rikorrenti Sharon Rose Roche u Dean Michael Roche iżżewġu f'Għawdex fis-27 ta' Lulju 2007 u min dan iż-żwieġ twieled il-minuri Kaden Mario Roche ir-Rabat Għawdex fl-1 ta' Ottubru 2011.*
ii. *Illi l-ġenituri tal-minuri ghazlu li jirrisjedu l-Ingilterra bhala l-posta ta' residenza abitwali taghhom flimkien ma' binhom filwaqt li jqattgħu l-btajjel tagħhom Għawdex.*
iii. *Iż-żewġ ġenituri għandhom responsabbilta parentali konġunta taħt l-Artikolu 2 (1) tac-Children Act 1989 liema arikolu jipprovdi li 'where a child's father and mother were married to each other at the time of his birth, they shall each have parental responsibility for the child'.*
iv. *Fil-15 t'Awwissu 2014 ir-rikorrenti ġiet bil-minuri Kaden bil-kunsens tal-missier għaliex qaltlu li riedet tmur Għawdex biex tassisti lill-ommha stante li din ta' l-aħħar kellha tagħmel intervent mediku u li wara li hekk tassisti lill-ommha ir-rikorrenti kienet sejra tirritorna lura l-Ingilterra flimkien mal-minuri. Ir-rikorrenti baqgħat ma rritornatx bil-minuri, anzi ħames t'ijiem biss wara li ġiet Għawdex, istitwit proċeduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni*

*Superjuri Sezzjoni Familja (aktar 'l isfel riferut bħala Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)).*

v. *Il-missier baqa jinsisti li r-rikorrenti tirritorna lura r-Renju Unit sakemm f'Settembru 2014 ir-rikorrenti infurmatu permezz ta' korrispondenza elettronika li hija mhux ser tirritorna l-Ingilterra, li fetħet proċeduri ta' separazzjoni u li behsiebha tgħix f'Għawdex bil-minuri Kaden.*

vi. *Hekk kif sar jaf b'dan il-missier pprova jipperswadi lir-rikorrneti sabiex tirritorna lura l-Ingilterra flimkien mal-minuri u meta ra li ma hiex se tirritorna, huwa kkomunika mal-Awtorita Ċentrali tal-post fejn soltu joqgħod l-imsemmi minuri ċioe r-Renju Unit u fit-23 ta' Diċembru 2014 ssottometta mal-imsemmija awtorita applikazzjoni għar-ritorn tal-istess minuri Kaden Mario Roche ai termini tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-Ajja kif ratifikata pemezz tal-Kap 410 tal-Liġijiet ta' Malta u hekk kif jipprovdi l-artikolu sussegwenti, l-Awtorita Ċentrali tar-Renju Unit bagħtet l-applikazzjoni direttament lill-Awtoriajiet Ċentrali ta' Malta bħala dik l-istat kontraenti fejn instab il-minuri Kaden Roche sabeix jinkiseb ir-ritorn tiegħu.*

vii. *Permezz ta` awtorizzazzjoni bil-miktub magħmula ai termini tal-Artikolu 28 ta` l-istess Konvenzjoni, il-missier Dean Michael Roche ta s-setgħa lill-Awtorita Ċentrali ta` Malta biex taġġixxi u tibda l-proċeduri skond il-Kap. 410 tal-Liġijiet ta` Malta (li bih ġiet irratifikata l-Konvenzjoni tal-Ajja) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta` Novembru 2003 (il-Brussels II bis Regulation) kif fil-fatt bdiet permezz ta' rikors preżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fit-2 ta' Frar 2015.*

viii. *Illi sa dan it-tant fil-proċeduri ta' separazzjoni li stitwiet l-omm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni*

*Superjuri (Sezzjoni Familja) l-imsemmija Qorti, fuq talba tal-omm stess, tat digriet provviżorju li permezz tiegħu fdat il-kura u kustodja lill-omm u fil-21 ta' Frar 2017 nonostanste li l-esponent Direttur ippreżenta Nota a bażi tal-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tal-Ajja u nonostante li kien hemm l-ordni għar-ritorn il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaddiet biex afdat il-kura u kustodja lill-omm (liema deċiżjoni hija appellata).*

ix. *Il-minuri ġie rimoss mill-intimata illeċitament ai termini tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 410 tal-Liġijiet ta' Malta stante li tali rimozzjoni saret bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja li fil-mument tar-rimozzjoni kienet vestita konġuntivament bejn iż-żewġ ġenituri rispettivi tal-minuri taħt il-liġi tar-Renju Unit li huwa l-Istat fejn il-minuri kien joqgħod minnufih qabel ir-rimozzjoni dawk id-drittijiet kienu attwalment eżerċitati mill-missier tal-minuri jew kienu jkunu hekk eżerċitati kieku ma kienx għar-rimozzjoni.*

x. *Illi sia quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ġewwa Għawdex permezz ta' verbal datat 16 ta' Marzu 2015 kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell permezz ta' rikors ta' Appell Inċidentali, sia fil-proċeduri staordinarju quddeim (recte quddiem) din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u issa permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti opponiet għar-ritorn tal-minuri fuq dawn is-segwneti raġunijiet:*

   a. *Ir-residenza abitwali tal-minuri hija Għawdex u mhux ir-Renju Unit;*
   b. *Ma kienx hemm ritenzjoni illeċita da parti tal-omm għaliex il-missier m'għandu l-ebda drittijiet ta' kustodja fuq il-minuri liema drittijiet ġew vestiti fuq ir-rikorrent matul il-proċeduri ta' separazzjoni;*

*c. Il-missier aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin;*

*d. Li hemm riskju gravi ta' dannu psikoloġiku fis-sens tal-Artikolu 13 (1) (b) tal-Konvenzjoni tal-Ajja jekk il-minuri jirritorna l-Ingilterra.*

*xi. Kemm il-Qorti tal-Maġistrati kuf (recte kif) ukoll il-Qorti tal-Appell ċaħdu l-ewwel difiża tar-rikorrenti u sostnew li r-residenza abbitwali tal-minuri hija l-Ingilterra billi joħroġ ampjament ċar mill-atti li qabel ir-ritenzjoni illeċia tar-rikorrenti ż-żewġ ġenituri kellhom inter alia impjieg fiss l-Ingilterra u fil-kuntratti ta' akkwist tal-proprjetajiet li r-rikorrenti xtrat fix-Xagħra u flimkien mal-missier, fin-Nadur, hemm indikat li kemm il-missier kif ukoll l-omm kellhom ir-residenza tagħhom l-Ingilterra. Għal kull bon fini jiġi kjarifikat, li r-residenza abbitwali ma tintrabatx ma' fejn twieled il-minuri iżda ma fejn jirrisjedi.*

*xii. Kemm il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell ċaħdu t-tieni difiża tar-rikorrent billi ssostnew li d-digriet li jagħti kura u kustodja provviżorja lill-omm huwa biss miżura temporanja sakemm il-minuri jdum Għawdex u fid-dawl tal-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni tal-Ajja tali digriet m'għandux ikun motiv biex jiġi rifjutat ir-ritorn tal-minuri. Sostnew ukoll li ma kien hemm l-ebda ordni mill-Qorti Ingliża li dderogat mid-dritt ta' kura u kustodja konġunta attribwita liż-żewġ ġenituri tal-minuri taħt il-liġi Ingliża. Jingħad ukoll li nonostante l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fdat il-kura u kustodja lill-omm dan għadu sub judice stante li ġie intavolat appell mill-missier.*

*xiii. Illi rigward it-tielet difiża tar-rikorrenti, kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell u wkoll il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermaw li l-missier nonostante li ssottometta ruħu għal ġurisdizzjoni tal-Qrati Malti għal proċeduri ta' separazzjoni, fl-*

*istess proċeduri, permezz tar-risposta preżentata mill-missier, huwa indika b'mod ċar li huwa ried li l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma tkunx deċiża minn dik il-Qorti u kien baqa' jinsisti li t-tifel jiġi ritornat lura l-Ingilterra. Jirriżulta għalhekk li huwa kellu l-intenzjoni li jkompli jasserixxi d-dritt tiegħu għar-ritorn tal-minuri.*

xiv. *Illi a rigward ir-raba difiża l-Qorti tal-Appell ma qablitx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li f'dan il-każ jeżistu l-estremi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13 (b) tal-Konvenzjoni tal-Ajja u dan għas-segwenti raġunijiet:*

a. *'Il-Qorti [tal-Maġistrati] strahet unikament fuq il-konkluzjonijiet tal-esperti, kemm dawk ex parte, kif ukoll dik nominata mill-istess Qorti, meta mir-rapporti taghhom jirrizulta kristallin li huma trattaw l-inkarigu taghhom bhala wiehed li jiddetermina l-vertenza dwar il-kura u kustodja tal-minuri, mentri dak li kellu jigi determinat kien il-punt jekk ir-ritorn tat-tifel lejn l-Ingilterra bhala l-pajjiz fejn dan kellu r-residenza abitwali tieghu u minn fejn gie rimoss sabiex jinzamm Ghawdex jpoggix lit-tifel f'riskju gravi ta' hsara fizika jew psikologika jew f'sitwazzjoni intollerabbli.'*[2]

b. *'l-esperti jistqarru li huma strahu fuq lallegazzjonijiet maghumla mill-Omm fil-konfront tal-Missier li dan jabbuza mill-alkohol fuq bazi regolari, liema allegazzjoni kienet giet kategorikament michuda mill-Missier fix-xhieda moghtija minnu viva voce quddiem l-ewwel Qorti.'*[3]

c. *'Mir-rapport ta' din l-espert u mix-xhieda moghtija minnha jirrizulta pacifiku li din ibbazat ir-rapport taghha fuq il-verzjoni*

[2] Paragrafu 60 tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 t'Ottubru 2015 fl-ismijiet ***Direttur għad-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali vs. Sharon Rose Roche*** (Rik Nru. 10/2015).

[3] *Ibid* paragrafu 61.

*moghtija mill-Omm matul is-saghtejn li fiha l-espert kellmet lill-Omm u osservat il-komportament tat-tifel fid-dar tal-ġenituri tal-Omm'*[4] *mingħajr ma semgħet lill-missier u lanqas saret talba lill-Ewwel Qorti sabiex hi tkun tista' tisma' lill-missier u għalhekk ma semgħetx l-verżjoni tal-missier dwar il-ħajja tat-tifel fl-Ingilterra iżda straħet unikament fuq dak li ntqal lilha mill-omm mingħajr ma osservat jekk bejn it-tifel u l-missier u l-familja tiegħu kienx hemm rabta soda.*

d. *'Il-fatt li l-Omm tghid li hi ma tridx tibqa' tghix l-Ingilterra m'ghandux jittiehed bhala fattur favorevoli ghat-tezi taghha. Kienet l-Omm li illegalment holqot sitwazzjoni fejn it-tifel necessarjament tpogga' f'sitwazzjoni ta' anzjeta` meta hu gie rimoss mill-Ingilterra biex jittiehed Ghawdex fejn qed isir tentattiv kontiwu da parti tal-Omm u tal-familjari taghha biex jipprovaw jintegrawh fis-socejta` f'Ghawdex. Dan il-fatt jikkostitwixxi fih innifsu vjolazzjoni inerenti tal-Konvenzjoni ghax blagir illegali taghha l-Omm, b'detriment ghat-tifel, holqot sitwazzjoni de facto li m'ghandhiex tigi legalizzata billi tintlaqa' t-talba taghha u jigi koncess lilha li ma tirritornax lit-tifel lejn l-Ingilterra'*[5]*.*

e. *'Dan hu kaz car fejn l-Omm holqot sitwazzjoni illegali li issa qed tipprova tiggustifikaha f'dawn il-proceduri minghajr ma tat konsiderazzjoni ghal-fatt li l-agir taghha holoq inutilment sitwazzjoni li jista' jkollha impatt negattiv fuq it-tifel. Ma jistax ma jinghadx li l-Omm kienet tkun mhux biss legalment korretta, izda kienet tkun verament thares l-interessi tat-tifel li*

[4] *Ibid* paragrafu 63.
[5] *Ibid* paragrafu 65.

*kieku segwiet il-proceduri legali u talbet filqrati inglizi l-kura u kustodja tal-minuri, bil-fakolta` li tirriloka f'Ghawdex bit-tifel.'*[6]

xv. *In segwietu għal dan għalhekk il-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza tagħha tat-30 t'Ottubru 2015 ordnat ir-ritorn tal-minuri.*

xvi. *Ir-rikorrenti għaddiet biex fis-sena 2015 istwixxit proċeduri kostituzzjonali*[7] *fejn ilmentat li l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell kisret id-Drittijiet Fundamentali tagħha, senjament l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittiejit u Libertajiet Fundamentali kif ukoll l-Artikoli 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Kemm l-Ewwel Qorti b'sentenza moqrija fit-28 ta' Lulju 2016 kif ukoll il-Qorti Kostituzzjoniali b'sentenza datata 16 ta' Marzu 2017 ddeċidew li ma kien seħħ l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u / jew tal-minuri.*

*Esposti l-fatti aktar sinifikanti ta' din il-vertenza, l-esponenti mill-bidu jirrilevaw li huma jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin.*

1. *Illi in linea preliminari, huwa evidenti mill-premessi u mit-talbiet tar-rikors promotur li l-Avukat Ġenerali ġie imħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri għaliex l-ilment konvenzjonali de quo m'huwiex ġej minn xi għemil tiegħu. Magħdud ma dan, fil-parametri tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa l-intimat l-ieħor li huwa responsabbli bil-materja in kwistjoni u għalhekk f'isem il-Gvern għandu joqgħod fil-kawża dan l-intimat biss.*

[6] *Ibid* paragrafu 73.
[7] ***Sharon Rose Roche pro et noe vs. L-Avukat Ġenerali et*** (Rik. Kost. Nru 81/2015).

2. *Illi in linea preliminari wkoll, ġialadarba dak li qiegħed jintalab mir-rikorrenti jirrigwarda pronunzjamenti tal-Qrati nostrana li jeffetwaw lill-missier il-minuri, l-esponenti jeċepixxu li Michael Dean Roche għandu jiġi kjamat in kawża stante li għandu interess dirett f'dawn il-proċeduri.*

3. *Illi in linea preliminari wkoll, minkejja li r-rikorrenti qegħda tallega li l-ilmenti tagħha huma ilmenti msejsa fuq fatti ġodda u ċioe' fatti li seħħew reċentement, l-esponenti jeċepixxu li sakemm dawn il-proċeduri huma mibnija fuq l-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni josta' in konfront tagħhom l-ostakolu tar-res judicata.*

4. *Illi in linea preliminari wkoll, l-inamissibilita' tar-rikors promotur stante li t-talbiet huma bażati fuq avvenimenti li ġraw qabel ma bdiet l-ewwel kawża kostituzzjonali liema talbiet huma wkoll partikolarment frivoli u vessatorji u wkoll stante li r-rikorrenti messha ġabet il-quddiem l-ilmenti kollha li kellha u mhux tinganna lill-Qorti u taħlilha ż-żmien tagħha billi l-ewwel tavvanza numru ta' pretensjonijiet bażati fuq artikoli partikolari u wara li l-Qorti ma tkunx qablet ma' dak lamentat mir-rikorrenti terga' tavvanza l-istess fatti bħala allegatament vjolattivi tal-istess artikoli flimkien ma' artikoli oħra.*

***Ebda ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni***

5. *Illi permezz tal-ewwel talba ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjarat 'illi r-ritorn tal-minuri Kaden Mario Roche lejn ir-*

*Renju Unit fic-cirkustanzi prezenti u attwali jikkonstitwixxi ksur ta' dritt fundamentali sew tal-omm u kemm tal-minuri tal-projbizzjoni minn trattament degradanti u inuman skond l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

6. *Illi t-talba tar-rikorrenti hija bir-rispett kollu infondata in kwantu li ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostitutzzjoni fiċ-ċirkostanzi odjerna. L-esponenti jissottomettu illi l-fatt illi l-Qorti ordnat ir-ritorn tal-minuri ma jfissirx illi hija u/ jew binha ser ikun assoġġettati għal trattament inuman u degredanti aktar u aktar meta wieħed jara r-raġunijet mogħtija mill-omm u ċioe li 'm'ghandhiex is-sostenn li tinhtiega fit-trabbija tal-minuri', li m'għandhiex 'dar fejn tmur toqgħod', 'la għandha ħbieb u lanqas ma tista' taħdem'.*

7. *Illi fil-kawża fl-ismijiet* ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v UK*** *(1985) il-Qorti Ewropea irriteniet illi jrid ikun hemm intenzjoni ta' umiljazzjoni sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' trattament degredanti u inuman. Il-Qorti Ewropea osservat fid-deċiżjoni 'Tyrer' deċiża fil-25 ta' April 1978 irriteniet illi 'the suffering occasioned must attain a particular level before a punishment can be classified as inhuman within the meaning of article 3'.*

8. *Illi referenza ssir ukoll għad-deċiżjoni mill-Qorti Ewropea fil-każ* ***Ireland v United Kingdom*** *(18/1/78) fejn ġie spjegat li jkun hemm trattament inuman meta jkun hemm 'the infliction of intense physical or mental suffering", filwaqt li trattament degradanti jinkludi "ill-treatment designed to arouse in victims feelings of fear,*

*anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance'.*

9. *Illi in oltre kif ġie ritenut mill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-**Greek Case,** 'The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable... treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience.'*

10. *Illi kif jidher mill-ġurisprudenza ċitata sabiex wieħed ikun jista' jibda jitkellem fuq ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jrid ikun hemm ċirkostanzi ta' severita' għolja. Fil-każ odjern bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma jista' jingħad illi ser ikun hemm xi aġir da parti tal-esponenti li b' xi mod jista' jwassal għad-definizzjonijiet fuq ċitati. Illi dak li qegħda tiddeskrivi r-rikorrenti bħala trattament inuman u degradanti huwa l-konsegwenzi tal-ezekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn dawn il-Qrati liema sentenza hija mogtija in konfront tal-minuri u dan stante li l-Qorti tal-Appell ordnat li l-minuri jiġi ritornat l-Ingilterra. Illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti tal-Appell waslet għal dina l-konklużjoni wara li rat dak li huma fl-aħjar interess tal-minuri u ċertament għalhekk li r-ritorn tal-minuri ma jistax jiġi klassifikat li joħloq trattament inuman jew degredanti. Aktar minn hekk ir-rikorrenti ma allegatx li l-pajjiż ta' ritorn tal-minuri huwa pajjiż li joħloq riskju għall-minuri iżda qegħda tibbaża l-allegazzjonijiet tagħha fuq kwistjonijiet, li bir-rispett kollu, huma frivoli u li juru l-interess aħħari tar-rikorrenti u ċioe' li minkejja s-sentenza tal-Qorti*

*tal-Appell qegħda tagħmel minn kollox sabiex hija ma tħarisiex u dan l-aġir ċertament m'huwiex fl-aħjar interess tal-minuri.*

*11. Illi jsegwi għalhekk li l-allegat ksur ma jissusstixxix u kull talba f'dan is-sens għandha fl-umli fehma tal-esponenti tiġi miċħuda.*

***Ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni***

*12. Illi permezz tat-tieni talba r-rikorrenti qegħda titlob ukoll lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara 'li tali ritorn huwa bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea imsemmija'.*

*13. Illi lanjanza tar-rikorrenti relattiva għal dan l-artikolu hija identika għal-lanjanza addottata mir-rikorrenti fil-proċeduri li preċedew lil din fl-ismijiet **Sharon Rose Roche proe et noe vs. L-Avukat Ġenerali et** (Rik. Kost. Nru. 81/2015) u ċioe li l-minuri laħaq issetilja f'dawn i-gżejjer.*

*14. Illi l-esponenti jirrelevaw li l-bażi tal-ilment u dan l-artikolu diġa ġew trattat minn din l-Onorabbli Qorti diversmanet (recte diversament) preseduta kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Sharon Rose Roche proe et noe vs. L-Avukat Ġenerali et** deċiża fit-28 ta' Lulju 2016 u 16 ta' Marzu 2017 rispettivament għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni ta' dan l-ilment.*

*15. Illi l-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) ikkonsidrat illi*

*Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti ssejjes l-argumenti taghha fuq il-premessa li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tifsser firda tal-minuri mill-omm. Il-provi kollha u l-hafna rapporti ta' esperti li tressqu kollha jissejsu fuq il-premessa li ritorn ifisser firda mill-omm. Fil-kaz in ezami, l-Qorti ma mponietx firda u xejn ma jostakola lill-omm milli takkompanja lil binha, anzi jidher li jkun ghaqli li taghmel hekk. Dan m'huwiex minnu. Id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tirrigwarda biss il-forum li ghandu jqis il-vertenza. Il-Qorti tal-Appell ma qiesitx minn miz-zewg genituri huwa l-aktar idoneju biex ikollu kura u kustodja tal-minuri. Ordnat biss li l-minuri jittiehed lura fir-residenza taghha abitwali tieghu minn fejn ittiehed.*

*[...]*

*Din il-Qorti tqis li m'ghandhiex ragun ghaliex fil-kaz odjern ma jezistux l-estremi tal-kaz Neulinger. Xejn ma jostakola lill-omm milli tirritorna ma' binha fl-Ingilterra. Il-minuri ghadu ta' età zghira bizzejjed li jaddatta f'pajjiz iehor, jekk indokrat minn min ihobbu u tassew jixtieqlu l-gid. L-omm tinsisti li l-minuri dara sewwa f'Ghawdex. Il-Qorti m'ghandhiex dubju ta' dan, u dan il-fatt stess ikompli jsahhilha l-fehma li l-minuri kapaci jaddatta. Anki fl-istess sentenza fuq citata ta' Neulinger, il-Qorti tirreferi u tenfasizza li ghandha tigi meqjusa l-kapacità tal-minuri li jaddatta. L-omm ma tistax issa tinqeda bir-rizultat tal-illegalità taghha biex tahrab mill-konsegwenzi legali ta' ghemilha. L-inkonvenjent ghaliha huwa biss effett tal-agir taghha li zzomm lill-minuri f'Ghawdex minghajr il-kunsens ta' missieru. Imma dan*

*jibqa' ismu mieghu – inkonvenjent – xejn aktar. (ara f'dan is-sens K.J. vs Poland – 1 ta' Marzu 2016).*

*Filwaqt li l-Qorti Kostituzzjonali ppronunzjat li*

*Jimplika wkoll li l-appellanti tqis bħala determinati u magħluqa l-kwestjonijiet tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin dwar il-forum xieraq biex iqis min għandu jingħata l-kura u kustodja tal-minuri binha u dik dwar min jistħoqqlu jingħata l-kura u/jew il-kustodja tal-istess minuri, meta dan mhuwiex il-każ. Il-Qorti żżid tgħid li l-proċedura tar-ritorn u s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ma kinux jiddependu mid-determinazzjoni tal-kwestjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri. Fl-istħarriġ rispettiv li kellhom jagħmlu tal-materji rilevanti li tqiegħdu quddiemhom, la jdejn il-Qorti tal-Appell u lanqas dawk tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma kienu marbutin mad-determinazzjoni tal-kwestjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri*

*16. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza Maltija u anke dik Ewropea, li l-proċeduri magħmula abbażi tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestu Internazjzonali ta' Minuri u r-Regolament Brussels II bis m'humiex minnhom infushom leżivi għall-jedd tal-familja kif imħarsa bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Anzi fi kwistjonijiet marbuta ma' żamma illegali ta' minuri, l-istess ġurisprudenza tisħaq li l-awtoritajiet għandhom bħala prinċipju jobdu dawn il-liġijiet. Tant hu hekk li jekk ordni ta' ritorn ma jiġix eżegwiet skont dawn il-liġijiet internazzjonali, dan jista' jqajjem każ ta' vjolazzoni*

*tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tal-ġenitur li jkun talab ir-ritorn.*

*17. Illi kif intqal mill-Qorti tal-Appell fil-kawża* ***Direttur tad-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali vs. Michael Caruana*** *deċiża fit-3 ta' April 2012, l-interess suprem tal-minuri jiddetta li l-interessi tat-tfal għandhom jiġu eżaminat u salvagwardati fil-forum opportun, fejn il-minuri jkollu r-residenza abitwali tiegħu u mhux mill-Qorti tal-pajjiż fejn il-ġenituri jaħrab bil-minuri. Dan huwa l-veru interess tal-minuri, u ċioe li jkollu l-każ tiegħu trattat fl-ambjent li fih kein (recte kien) qed jgħix. Xort'oħra jiġri li tiġi inċentivata u ppremjata l-prepotenza u l-illegalita u l-ħtif illegali tal-minuri u dan imur kontra l-interess suprem tal-istess minuri.*

*18. Illi f'dan il-każ ma jirriżultax li l-minuri sejjer isofri jekk jiġi ritornat l-Ingilterra. Jekk l-omm qed tinsisti li l-missier m'huwiex wieħed affidabbli allura din il-kwistjoni hija jmissha tindirizzaha quddiem il-qrati kompetenti fir-Renju Unit u hemmhekk tiġġieled biex tikseb il-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri. Kif intqal mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ* ***X v. Latvia*** *deċiża mill-Grand Chamber fid-26 ta' Novembru 2013, dak li l-qorti domestika trid teżamina meta tiġi mitluba tirritorna minuri f'pajjiż ieħor huwa jekk, f'każ ta' deċiżjoni ta' ritorn ikunx hemm serious risk għat-tifel, u jekk hemmx adequate safeguards fil-pajjiż l-ieħor biex il-miunri jitħares minn xi riskji magħrufa. F'dan il-każ il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li ma hemm l-ebda riskju serju għall-minuri jekk jintbagħat lura fir-Renju Unit.*

19. *Illi filwaqt li huwa minnu li r-ritorn tal-minuri huwa mandatarju fi żmien sena miż-żamma illegali, m'huwiex veritier li 'wara li jkun għalqa il-perjodu ta' sena ma tordnax ir-ritorn tal-minuri'. Madanakollu din is-sena tirreferi għall-perjodu li fihom jinfetħu l-proċeduri ta' ritorn u mhux ir-ritorn per se. Il-Konvenzjoni hija ferm ċar f'dan ir-rigward billi tispjega li filwaqt li r-ritorn huwa mandatarju jekk l-applikazzjoni ssir f'sena, r-ritorn għandu jiġi kkunsidrat f'aktar apprafondita jekk dik l-applikazzjoni tiġi intavolata wara s-sena. Fil-każ odjern l-applikazzjoni ġiet intavolat fi żmien sena u l-Qorti tal-Appell ordnat ir-ritorn tal-minuri Kaden lura l-Ingilterra, kien biss b'tkaxkir tas-saqajn min-naħa tar-rikorrenti stess li qegħdin fis-sitwazzjoni li qegħdin illum fejn il-minuri qgħadu ma rritornax lura lejn ir-residenza abittwali tiegħu. Il-leġislatur żgur li ma kellux l-intendiment li jekk wieħed jiftaħ proċedura waħda wara oħra dan ixekkel mill-infurzar ta' ordni għar-ritorn u li jinħaba wara l-velu tad-drittijiet umani u tar-raġuni li r-ritorn ser isir wara s-sena.*

20. *Illi fl-aħħarnet tajjeb li jingħad li l-ordni għar-ritorn lanqas ma hi ħa tfixkel lir-rikorrenti mill-jedd tagħha li tgawdi l-familja. Dan għaliex jekk jiġi eżegwit ir-ritorn tal-minuri lejn il-pajjiż oriġinali tiegħu, dan bl-ebda mod m'huwa ħa jżomm lir-rikorrenti milli jekk trid tmur mal-minuri fir-Renju Unit.[8] Il-jedd għall-familja mħares taħt il-Konvenzjoni Ewropea ma jiggarantixxix li dan il-jedd għandu jiġi mgawdi f'xi ġurisdizzjoni partikolari. Għalhekk it-traslok lura lejn*

---

[8] Fil-każ Svizzeru **Korowin v. Korowin** (1992) No. 138036 Bezirkgsericht (Dist. Ct) Kant. Horgen (Switz), l-omm (li kienet il-care giver) ma riditx tmur lura u iċċitat raġunijiet ta' opportunitajiet aħjar ta' impjieg u konsiderazzjonijiet finanzjarji biex tibqa fl-Isvizzera. Il-Qorti irriteniet li dawn ma kinux suffiċjenti biex tinvoka l-applikazzjoni tal-Artikolu 13 (b) tal-Konvenzjoni. Il-Qorti osservat illi l-Konvenzjoni li 'a responsible mother who has the interest of her child at heart'[8] ma kenitx ser tirrifjuta li tirritorna flimkien ma' binha.

*dan il-pajjiż ma jistax jitqies li sejjer joħloq xi problemi partikolari ta' adattament.*

*21. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk kellu jigi meqjus minn dina l-Onorabbli Qorti li hemm interferenza fir-rigward ta` dan id-dritt l-esponenti jeċċepixxu li dan huwa salvagwardjat permezz tat-tieni paragrafu ta` l-istess Artikolu in kwantu huwa skont il-ligi u meħtieġ f`soċjeta` demokratika.*

*22. Illi l-esponenti, bi qbil ma` dak dikjarat mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell, jissottomettu illi dak li huwa fl-interess tal-minuri ma jaqax fil-ġurisdizzjoni jew kompetenza ta` dina l-Onorabbli Qorti u jsegwi għalhekk illi r-rikorrenti ma jistgħux tramite dawn il-proċeduri li huma proċeduri ta` natura straordinarja jerġgħu jiftħu l-kunsiderazzjoni ta` x`inhu l-interess tal-minuri. Dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri ġie diġa determinat mill-Qorti ta` l-Appell fid-decizjoni taghha tat-30 t'Otturbu 2015.*

*23. Illi filwaqt li ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern jaqgħu fl-ambitu tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja, madankollu, l-ordni tar-ritorn tal-minuri taqa` taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-post li fih il-minuri għandu l-habitual residence tiegħu u dan ai termini tal-Konvenzjoni ta` l-Aja u tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja saret skont il-liġi, għal għan leġittimu u hija neċessarja f`soċjeta` demokratika sabiex tissalvagwardja mhux biss l-interessi tal-left behind parent iżda saħansitra aktar min hekk sabiex tissalvagwardja l-interess tal-minuri li qiegħed jiġi mċaħħad minn relazzjoni ma` missieru.*

*24. Illi f`materja ta` rimozzjoni jew ritenzjoni llecita ta` minuri, l-obbligi taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja jridu jiġu interpretati u applikati fil-qafas ta` obbligi internazzjonali fir-rigward ta` child abduction li jinkludu obbligi u drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni ta` l-Aja u anke taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.*

*25. Illi dak li huwa l-aktar importanti fil-kunsiderazzjoni ta` dina l-allegazzjoni huwa jekk, filwaqt li l-interess tal-minuri jinżamm bħala kunsiderazzjoni primarja, id-deċiżjoniet tal-Qrati Maltin żammewx dak il-bilanċ ġust bejn l-interessi kunfliġġenti tar-rikorrenti Michael Caruana u ta` l-omm. F`dan l-eżerċizzju l-qrati kompetenti għandhom diskrezzjoni wiesgħa u sakemm qorti ta` kompetenza fuq kwistjonijiet ta` drittijiet fundamentali ma ssibx li tali eżerċizzju ta` diskrezzjoni sar b`mod irraġonevoli, jew ma jsegwix għan leġittimu, jew mhux neċessarju allura ma għandux jiġi mibdul.*

*26. Illi r-rikorrenti tilmenta wkoll il ser ikun hemm ksur tad-dritt tagħha taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni stante li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisduzzjoni Superjuri (Sezzjoni Familja) fil-21 ta' Frar 2017 ddeċidiet il-kwistjoni tal-kura u kustodja. Li naqset isemmi r-rikorrenti huwa li din id-deċiżjoni m'hijiex res judicata stante li ġie intavolat appell minn dik is-sentenza. Dan iffisser għalhekk li ma kien hemm l-ebda bdil ta' ċirkostanzi minn meta ingħatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2017.*

*27. Illi ġialadarba hemm appell mid-deċiżjoni ma jistax jingħad li r-rikorrent hija l-unika primary carer. Iż-żewġ ġenituri għandhom*

*responsabbilta parentali konġunta taħt l-Artikolu 2 (1) tal-Children Act 1989 (leġislazzjoni fejn il-minuri għandu r-residenza abittwali u ċioe l-Ingilterra) jipprovdi where a child's father and mother were married to each other at the time of his birth, they shall each have parental responsibility for the child'. Iż-żewġ ġenituri huma għalhekk joint primary care-givers.*

*28. Illi għaldaqstant hawn ukoll m'hawn l-ebda ksur ta' dan l-artikolu konvenzjonali.*

***Ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

*29. Illi permezz tat-tielet u l-aħħar talba, r-rikorrenti talbet lil din il-Qorti tiddikjara li 's-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ottubru 2015 fuq imsemmija tqiegħed lill-esponenti f'konflitt ma dik li hija l-posizzjoni legali korretta li toħroġ mid-dritt internazzjonali privat u mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Sezzjoni Familja tal-21 ta' Frar 2017 u għalhekk f'inċertezza legali u dana bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta'.*

*30. Illi lanjanza tar-rikorrenti relattiva għal dan l-artikolu hija li filwaqt li hemm sentenza mill-Qorti tal-Appell li qed tordna r-ritorn tal-minuri hemm sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Ġenerali Sezzjoni Familja li deċidet li l-kura u kustodja għandha tiġi fdata f'idejn l-omm.*

*31. Illi din il-lanjanza ma tikwadra taħt l-ebda sub-artikolu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u wisq anqas tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan stante li l-partijiet ingħatu smiegħ xieraq fiż-żewġ proċeduri u d-deċiżjonijiet ingħatu minn Qrati indipendenti u imparzjali. Illi aktar minn hekk, dawn l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali jipprovdu biss garanziji proċedurali u mhux sustantivi kif qegħda tippretendi r-rikorrenti. Illi ċertament kawża ta' indoli kostituzzjonali m'hijiex intiża sabiex tistħarreg u tirrevedi pronunzjamenti ta' Qrati oħra kif qegda tippretendi r-rikorrenti permezz tal-kawża odjerna.*

*32. Illi tajjeb jingħad hawnek li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) qgħada (recte ghada) sub judice u għalhekk ma jistax jingħad li hemm xi ksur ta' dritt fundamentali meta r-rimedji ordinarji qgħadhom (recte ghadhom) ma ġewx eżawriti.*

*33. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk wieħed b'tiġbid tal-immaġinazzjoni jista' jitkellem fuq kunflitt ta' sentenza, dina s-sitwazzjoni inġabet mir-rikorrenti stess meta istitwit l-proċedura ta' separazzjoni u li fiha saru talbiet relatati mall-awtorità tal-ġenituri meta kienu għadhom għaddejjien il-proċeduri ta' ritorn. Dan jingħad a bażi tal-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri li tipprovdi 'After receiving notice of a wrongful removal or retention of a child in the sense of* Article 3, *the judicial* or administrative *authorities of the Contracting State to which the child has been removed or in which it has been retained shall not decide on the merits of rights of custody until it has been determined that the child is not to be returned under this Convention or unless an application under this Convention is not*

*lodged within a reasonable time following receipt of the notice.' (enfażi miżjud). Illi l-iskop wara dak l-Artikolu huwa propju sabiex jipproteġi l-interess tal-minuri u jiġu sospiżi kull azzjoni li tirrigwarda lilu. Dan ifisser għalhekk mill-bidunett ma kellhomx jinfetħu proċeduri mir-rikorrenti appellanti kontra Michael Dean Roche.*

*34. Illi rigwardanti l-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Din hija skuża li qed tiġi ripetutata f'kull proċedura istitwieta mir-rikorrenti, bħal donna r-rikorrenti ma tistax jew aħjar ma tridx tifhem dak li rreteniet diversi drabi l-Qrati Maltin fuq l-aċċettazzjoni o meno tal-ġurisdizzjoni.*

*35. Illi għal benefiċċju ta' din l-Onorabbli Qorti l-esponenti ser jikwotaw b'mod estensiv dak li ingħad mill-Qorti tal-Appell dwar in-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni min-naħa tal-missier:*

> *36. Fit-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-Omm tissottometti li l-Missier accetta l-gurisdizzjoni tal-qrati maltin bil-fatt li huwa "is particpating fully" fil-proceduri tas-separazzjoni inizjati mill-Omm fil-Qorti ta' Ghawdex minghajr ma ssolleva l-vertenza dwar il-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti. Hija tghid li b'dan il-fatt huwa ssottometta ruhu ghall-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti u li dan jammonta ghal akkwijexxenza da parti tieghu. Hija tkompli tispejga hekk dan l-aggravju:*
>
> *"Participating in court proceedings in a certain jurisdiction without raising the issue of jurisdiction as a preliminary matter is not trying to find an amicable solution but participating in the litigation with the full knowledge that one is accepting the*

*jurisdiction of the Court he is litigating in front of [sic]. The question between respondent and Dean Michael Roche is no longer in the stages of mediation."*

*37. Dwar dan, din il-Qorti tibda biex ticcita t-tieni eccezzjoni tal-Missier u l-ghaxar paragrafu tar-risposta guramentata tieghu fil-kawza tas-separazzjoni:*

> *"2. Illi huwa jopponi sabiex il-kura u l-kustodja tal-iben minuri Kaden Mario Roche tkun unikament f'idejn ir-rikorrenti. Il-kura u kustodja tal-wild minuri ghandha tkun kongunta f'idejn iz-zewg partijiet u ghandhom jigu stabbiliti hinijiet u modalitajiet ta' access. Tali access ghandu ukoll jinkludi zjajjar tal-minuri fir-Renju Unit ……. Dan fl-eventwalita li jigi deciz li l-minuri ghandu jibqa' jghix hawn Ghawdex u ma tintlaqax it-talba tal-missier sabiex it-tifel jirritorna lura lejn ir-Renju Unit."*

> *"10. Din ir-risposta guramentata qieghda tigi prezentata minghajr pregudizzju ghall-appell numru 10/2015 fl-ismijiet Direttur tad-Dipartiment ghall-istandards fil-Harsien tal-Familja vs Sharon Rose Roche nee Bellamy, liema appell jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u f'liema proceduri qieghed jintalab li Kaden Mario Roche jigi ritornat lura l-Ingilterra stante li inzamm hawn Malta minghajr il-kunsens tal-missier."*

*38. Mill-premess jirrizulta car li, ghalkemm il-Missier ma kellux problema li l-qrati maltin jiddeciedu l-kawza tas-separazzjoni li*

*fethet martu hamest ijiem wara li nizlet Ghawdex, inkluza l-vertenza dwar il-kura u kustodja tat-tifel u d-drittijiet tal-access, izda xorta wahda zamm impregudikata t-talba tieghu maghmula f'dawn il-proceduri ghar-ritorn tat-tifel. Mit-termini tal-eccezzjoni tieghu jirrizulta manifest li huwa kien qed jikkondizzjona l-accettazzjoni tieghu li l-vertenza tigi deciza mill-qrati maltin kemm-il darba t-talba tieghu, maghmula precedentement ghar-risposta guramentata, dwar ir-ritorn tal-minuri tigi michuda.*

*39. Il-premess juri bic-car li ma kienx hemm akkwijexxenza da parti tal-Missier ghar-ritenzjoni tat-tifel tieghu f'Malta u l-provi juru li, minkejja li fil-proceduri ta' separazzjoni inizjati mill-Omm fil-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] huwa ma kkontestax il-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti <u>ghal dawk il-proceduri</u>, izda fl-istess proceduri, permezz tar-risposta prezentata minnu, huwa indika b'mod car li huwa ried li l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma tkunx deciza minn dik il-Qorti u kien baqa' jinsisti li t-tifel jigi ritornat lura l-Ingilterra. Jirrizulta ghalhekk car u inekwivokabilment li huwa kellu l-intenzjoni li jkompli jasserixxi d-dritt tieghu ghar-ritorn tal-minuri. Dan johrog car mit-termini tar-risposta guramentata u b'mod partikolarli mill-paragrafu 10 tal-istess risposta.*

*36. Illi Sharon Rose Roche ma kinitx kuntenta b'dik id-deċiżjoni għalhekk talbet li ssir ritrattazzjoni a bażi tal-Aritkolu 811 (d), (e), (i) u (l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-17 ta' Mejju 2016 iddisponit mir-rikors ta' ritrazzjoni billi ċaħdet l-istess u kkonfermat is-sentenza tat-30*

*t'Ottubru 2015. Din il-Qorti wkoll stħarġet jekk Dean Michael Roche kienx aċċetta l-ġurisdizzjoni u kienet qalet hekk:*

> *Jiġi rilevat illi dak li kellha quddiemha din il-Qorti kien biss talba għar-ritorn tal-minuri lejn il-pajjiż fejn għandu r-residenza ordinarja tiegħu. Din tista' titqies bħala "faċċata waħda" tal-problemi u l-kwistjonijiet li għandhom il-partijiet, pero`, il-kawża ma hijiex intiża biex tiddetermina xi waħda minn dawn il-problemi. Din il-Qorti sempliċement aċċertat ruħha li l-minuri kien qed jinżamm Malta illeċitament, skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Ajja tal-1980, u ordnat ir-ritorn tiegħu lejn pajjiżu. Ir-Regolament 2201/2003 tal-Unjoni Ewropeja jitkellem fost oħrajn, fuq kawżi intiżi għad-determinazzjoni ta' min ghandu jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri, iżda din il-kawża ma għandhiex dan il-fini, u lanqas ma hi intiża biex tiġi stabbilita xi responsabbilita` ta' wieħed mill-ġenituri lejn il-minuri. Fuq kollox dan l-istess Regolament jikkumplimenta l-Konvenzjoni tal-Ajja, u hu rilevanti l-Artikolu 11 tar-Regolament li jitratta dwar ir-ritorn ta' minuri lejn l-istat membru ta' oriġini f'każ ta' ħtif. Il-Konvenzjoni tal-Ajja, u l-Att lokali dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta) jobbligaw l-istat fejn il-minuri jinstab sabiex jordnaw ir-ritorn tiegħu lejn l-istat tar-residenza abitwali tiegħu, appuntu sabiex il-kwistjoni ta' responsabbilita` tal-ġenituri tiġi determinata quddiem il-Qorti kompetenti, u mhux, kif qed titlob ir-rikorrenti ritrattandi f'dan il-każ, quddiem il-Qorti ta' Għawdex. L-ordni proviżorja ta' kura u kustodja li ngħatat f'dan il-każ mhux ta' ostakolu għal dan il-proċess, għax hi ordni temporanja sabiex fil-frattemp jiġu salvagwardati l-interessi tal-minuri.*

*Fir-rikors tal-appell sar l-argument li għal dan il-każ japplika Artikolu 12 tar-Regolament 2201/2003 (Prorogation of Jurisdiction), u li ġialadarba l-missier aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin biex tiġi deċiża l-kwistjoni dwar il-kura u kustodja tal-minuri allura l-Konvenzjoni tal-Ajja ma tapplikax. Pero` dan hu każ ta' child abduction, u għalhekk japplika l-Artikolu 10 tar-Regolament (**Jurisdiction in cases of Child Abduction**). Provvediment li jidher li hu ntiż sabiex ma jippermettix li l-ġurisdizzjoni tinbidel permezz ta' ħtif.*

*37. Il-kwistjoni ta' aċċettazzjoni ta' ġurisdizzjoni reġgħet tqajmet mir-rikorrenti fil-kawża kostituzzjoni bin-numru 81/15. Il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tgħid dwar dan: 'Jimplika wkoll li l-appellanti tqis bħala determinati u magħluqa l-kwestjonijiet tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin dwar il-forum xieraq biex iqis min għandu jingħata l-kura u kustodja tal-minuri binha [...]'.*

*38. In vista tal-kunsiderazzjonijiet suespost ma jirriżulta l-ebda ksur ta'  ksur ta' dawn l-artikoli.*

*39. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikoli 3, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat il-**verbal tas-seduta tal-4 t'Ottubru 2017**[9] permezz ta' liema d-difensur tar-rikorrenti oppona ghat-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati fejn talbu li jigi kjamat fil-kawza missier il-minuri Michael Dean Roche.

Rat illi fl-istess seduta l-Qorti akkordat terminu lill-partijiet sabiex jipprezentaw Noti ta' Sottomissjonijiet dwar din l-eccezzjoni.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet[10].

**Rat illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza preliminari dwar din l-eccezzjoni**[11].

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti tghid li kienet izzewget lil Michael Dean Roche fl-2007, minn liema zwieg twieled il-minuri Kaden Mario Roche. Peress li snin wara l-hajja matrimonjali ta' bejniethom kkrollat, hija rritornat Malta flimkien ma' binha mir-Renju Unit u bdiet proceduri ta' separazzjoni personali inkluz dwar il-kura u kustodja ta' binha.

Ir-rikorrenti tippremetti wkoll li b'rizultat ta' proceduri legali li nbdew fil-Qrati Maltin mid-Direttur illum intimat, gie ordnat ir-ritorn tal-minuri binha Kaden Mario Roche lejn ir-Renju Unit. In segwitu ghal dik is-sentenza l-

[9] Fol 39
[10] Nota tal-intimati a fol 43 et seq u Nota tar-rikorrenti a fol 59 et seq
[11] Verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2017 a fol 82

istess rikorrenti ntavolat proceduri kostituzzjonali fejn allegat li l-ezekuzzjoni ta' tali sentenza kienet leziva tad-drittijiet fundamentali taghha u tal-minuri binha, senjatament ghal dak li jirrigwarda smiegh xieraq kif ukoll id-dritt ta' harsien ta' privatezza u hajja familjari. L-ezitu ta' din il-kawza kostituzzjonali kien wiehed negattiv ghar-rikorrenti u sussegwentement gew istitwiti l-proceduri tal-lum fejn ir-rikorrenti tghid li fil-frattemp sehhew avvenimenti li jaghtu lok lil din il-Qorti sabiex tindaga dwar ksur ta' drittijiet fundamentali.

Hija qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi r-ritorn tal-minuri Kaden Mario Roche lejn ir-Renju Unit fic-cirkustanzi prezenti u attwali jikkostitwixxi ksur ta' dritt fundamentali sew tal-omm u kemm tal-minuri kif protetti bl-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Oltre dan hija titlob ukoll dikjarazzjoni li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ottubru 2015 tqeghedha f'konflitt ma' dik li hija l-posizzjoni legali korretta li tohrog mid-dritt internazzjonali privat u mis-sentenza li nghatat fil-frattemp mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni Familja tal-21 ta' Frar 2017. B'hekk hija tghid li tinsab f'incertezza legali u dana bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrenti titlob ir-rimedji opportuni nkluz izda mhux limitat ghall-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali imsemmija.

Minn naha l-ohra l-intimati jilqghu ghal din l-azzjoni kemm b'eccezzjonijiet ta' natura preliminari kif ukoll ohrajn fil-mertu fejn sostanzjalment jirrespingu l-pretensjonijiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u jichdu li hemm xi ksur ta' drittijiet fundamentali.

**It-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati** mertu tas-sentenza tal-lum tghid hekk-

***"Illi in linea preliminari wkoll, ġialadarba dak li qiegħed jintalab mir-rikorrenti jirrigwarda pronunzjamenti tal-Qrati nostrana li jeffetwaw lill-missier il-minuri, l-esponenti jeċepixxu li Michael Dean Roche għandu jiġi kjamat in kawża stante li għandu interess dirett f'dawn il-proċeduri."***

L-intimati jissottomettu li qabel ma nbdew il-proceduri odjerni kienu saru xi proceduri li fihom kienu nvoluti mhux biss il-partijiet fil-kawza tal-lum izda anke Dean Michael Roche. Fil-fehma taghhom l-aktar zewg proceduri mportanti ghal fini tal-kaz tal-lum huma:

(a) il-kawza Rik 10/2015 fl-ismijiet **Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali vs Sharon Rose Roche** fejn kienet saret talba mid-Direttur imsemmi ghar-ritorn tal-minuri Kaden Mario Roche gewwa l-Ingilterra fejn kellu r-residenza abitwali tieghu u dan a tenur tar-Regolament *Brussels II bis* kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (kif ratifikat fil-ligi Maltija – Kap 410 tal-Ligijiet ta' Malta). F'dan il-kaz, fit-30 ta' Settembru 2015 il-Qorti tal-Appell kienet irrevokat sentenza tal-prim istanza u odnat ir-ritorn mitlub; u

(b) il-kawza Rik 12/2015 fl-ismijiet **Sharon Rose Roche vs Dean Michael Roche** fejn ir-rikorrenti talbet li tinghata l-kura u kustodja shiha ta' binha. Il-Qorti tal-Magistrati kienet laqghet it-talba izda prezentament hemm appell pendenti minnha intavolat mill-konvenut Dean Michael Roche.

L-intimati jargumentaw li t-talbiet tar-rikorrenti jimpingu direttament fuq id-drittijiet u l-interessi ta' missier il-minuri peress li bil-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghda fost ohrajn titlob li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Settembru 2015 qeghda tpoggi lir-rikorrenti f'kunflitt u f'incertezza mal-pozizzjoni legali naxxenti mid-dritt privat u mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati dwar il-kura u kustodja u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghha u ta' binha minuri. L-intimati jsostnu li gjaladarba c-certezza legali in vista ta' dawn is-sentenza qeghda tigi attakkata, huwa mportanti li Dean Michael Roche ikun involut fil-proceduri odjerni.

Inoltre, fil-fehma tal-intimati, l-prezenza ta' missier il-minuri fil-kawza hija mportanti wkoll peress li fir-raba' talba taghha r-rikorrenti qeghda titlob l-ghoti ta' rimedji li l-Qorti jidhrilha xieraq u opportuni. In vista tal-fatt li f'kaz li jintlaqghu it-talbiet rikorrenti l-poteri tal-Qorti fil-vesti kostituzzjonali fl-ghoti tar-rimedju huma wiesgha hafna, tali rimedju jista' jaffettwa lil Dean Michael Roche li kien parti mis-sentenzi li a bazi taghhom qed jintalab is-sejbien ta' ksur ta' drittijiet fundamentali.

Ghal kull buon fini l-intimati osservaw ukoll li l-missier Dean Michael Roche kien talab li jintervjeni fil-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet **Sharon Rose Roche pro et noe vs L-Avukat Generali et** (Cit Nru 81/2015) u l-Qorti kienet laqghet dik it-talba.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-intimati jsostnu li din il-persuna ghandha l-interess guridiku mehtieg sabiex jiddahhal fil-proceduri odjerni.

Ir-rikorrenti hija ta' fehma differenti ghax issostni li t-talbiet fir-rikors promotur ma jirrigwardawx lil missier il-minuri. Skont hi, kawza dwar ksur

ta' drittijiet fundamentali hija dejjem diretta kontra l-Istat li bil-ligijiet tieghu, bis-sistema gudizzjarja tieghu jew bl-istess agir tieghu ikun wettaq l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali. Hija tissottolinea li l-kawza odjerna hija azzjoni diretta kontra l-Istat Malti biss u mhux missier il-minuri u ghalhekk il-legittimu kontradittur fi proceduri bhal dawn huwa biss l-Istat Malti u mhux Dean Michael Roche. Skont ir-rikorrenti l-missier kien ikollu *locus standi* f'dawn il-proceduri li kieku kien qed jigi allegat li l-ksur sar minnu, izda xejn minn dan mhu qed jigi allegat. Inoltre, jekk jiddahhal konvenut iehor fil-kawza tkun qed tiddahhal opinjoni u tezi ohra ma' dik li diga' hemm in kontradizzjoni ghal dik tal-attrici u xejn aktar. Ghar-rikorrenti, Dean Micheal Roche m'ghandu ebda *locus standi* f'din il-kawza ghax m'ghandux l-interess guridiku mehtieg biex iressaq kontestazzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti. Hija ssostni wkoll li l-intimati qeghdin ihalltu l-istitut tal-kjamat fil-kawza mal-istitut tal-intervenut fil-kawza ghax filwaqt li l-interess tal-intervenut fil-kawza huwa nteress fl-ezitu tal-kawza, dak tal-kjamat in kawza imur oltre ghax il-prezenza tal-persuna kjamata tkun indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju. Hija enfasizzat il-pozizzjoni taghha anke in vista tal-insenjament fil-kaz **Maria Ewkaristika Farrugia et vs Avukat Generali** deciz fit-28 ta' Settembru 2017 u sostniet li l-istess bhal dik il-kawza huma l-intimati odjerni biss li ghandhom iwiegbu ghall-lanjanzi kostituzzjonali mressqa minnha u hadd aktar.

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti sa issa jirrizulta li saru dawn il-proceduri legali:

A. Proceduri fuq imsemmija **Rik Nru 10/2015** fl-ismijiet **Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali vs Sharon Rose**

**Roche.** Fis-sentenza taghha tal-24 ta' Lulju 2015 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja cahdet it-talba ghar-ritorn tal-minuri. Minn din is-sentenza sar appell u fit-30 t'Ottubru 2015 il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u ddecidiet hekk -

*"Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-appell incidentali, tilqa' l-appell principali tar-rikorrent u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li tichad it-talba tieghu u tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-intimata a bazi tal-Artikolu 13[b] u, minflok, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tordna r-ritorn tat-tifel Kayden lejn lIngilterra; kif ukoll tordna lir-rikorrent jaghmel l-arrangamenti prattici ghar-ritorn tat-tifel minuri lejn l-Ingilterra u tordna lill-intimata sabiex taderixxi ma' dawn l-arrangamenti li ghandhom jigu enforzati jekk hemm bzonn mill-Marixxalli tal-Qorti bl-assistenza tal-Pulizija u anke blassistenza ta' social worker, kollox a spejjez tal-intimata."*

B. Proceduri fuq imsemmija Rik 12/2015 fl-ismijiet **Sharon Rose Roche nee' Bellamy vs Dean Michael Roche** fejn fil-21 ta' Frar 2017 il-Qorti tal-Magistrati akkordat il-kura u kustodja ta' wild il-partijiet unikament f'idejn Sharon Rose Roche.  Skont ma jinghad fl-atti, minn din id-decizjoni hemm appell pendenti, li pero' din il-Qorti ma nghatat ebda nformazzjoni dwar f'liema stadju jinsab.

C. Proceduri kostituzzjonali Rik Nru 81/15 fl-ismijiet **Sharon Rose Roche pro et noe vs L-Avukat Generali et** permezz ta' liema r-rikorrenti talbet lill-Qorti tiddikjara li r-ritorn tal-minuri Kaden Mario Roche lejn l-Ingilterra kif deciz bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 t'Ottubru 2015 kien leziv tad-drittijiet fundamentali taghha u ta' binha minuri kif

protetti b'diversi artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dik il-kawza Dean Michael Roche kien ressaq talba biex jintervjeni fil-kawza, liema talba giet milqugha mill-Qorti. Il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti u ma sabet ebda ksur ta' drittijiet fundamentali, liema sentenza giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2017.

L-eccezzjoni tal-intimati tistrieh fuq l-**Art 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid hekk –

*"Tista` wkoll terza persuna, b`digriet tal-Qorti, f`kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza, tigi msejha f `kawza miexja bejn partijiet ohra fil-Qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta` wahda mill-partijiet kemm ukoll minghajr dik it-talba."*

Fil-kaz kostituzzjonali **L-On. Dr Simon Busuttil vs L-Avukat Generali deciz fit-30 ta' Novembru 2017**[12] minn din il-Qorti diversament preseduta giet elenkata rassenja twila ta' gurisprudenza in materja:

*"Fid-decizjoni illi tat fit-18 ta` Novembru 1998 fil-kawza "**Direttur Generali ta` l-Avjazzjonji Civili vs Panta Contracting Limited et**" din il-Qorti diversament presjeduta ppronunzjat ruhha hekk dwar fejn tkun mehtiega kjamata fil-kawza :-*

*"In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita` tal-giudizzju, b` mod li l-presenza ta` tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-reintegrazzjoni u kompletezza tal-proceduri. Ricentement kien hemm diversi kazi fejn*

[12] Rik 86/17

*giet ordnata ilkjamata in kawza anke jekk il-giudizzju kien integru, u dan sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta` min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja u li aktar warajha iggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (**Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et** - App. Civ. 15 ta` Novembru 1991)."*

*Il-procedura mahsuba mil-ligi stess tal-kjamata fil-kawza kienet applikata mill-qrati taghna sabiex:-*

*(a) jigu evitati multiplicita ta` kawzi u gudizzji: "**Alfred Zammit Cutajar vs Joseph Formosa**" (App.Civ. 26 ta` Gunju 1961) ;*

*(b) tigi evitata possibilita ta` gudizzji konfliggenti u rikorsi ghar-rifuzjoni: "**A.J.C. Barboro vs Camelo Mallia**" (App. Civ. 26 ta` Ottubru 1956);*

*(c) l-interess tal-konvenut fil-konfront ta` terza persuna jigi protett – "**Joseph Calleja vs Av. Joseph Micallef et noe**" (Prim Awla. 11 ta` Marzu 1952);*

*(d) ikun fl-interess ta` t-terza persuna u l-attur illi l-gudizzju jkun osservat sew: "**Anthony Cini vs Joseph Demanuele**" (App.Civ. 8 ta` Frar 1946)".*

*Dan premess, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Jannar 6 1997 fil-kawza "**Anthony Azzopardi et vs Calcedonio sive Donald Attard et**" fejn inghad hekk:-*

*"Il-kjamata in kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jigi rikonoxxut dan l-interess, il-Qorti ghandha d-dover li tordnah".*

*"L-interess mehtieg biex jiggustifika dan ilprovvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista` tigi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista` jkun anke lkomunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat filkawza, minghajr majigi kundannat jew liberat, ikun jista` jizviluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur".*

*(ara wkoll **Joseph Cassar vs George Pace pro. et. nomine** deciza fis-6 ta` Ottubru 2000 mill-Qorti tal-Appell; **Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et** - App. Civ. 15 ta` Novembru.1991; **Michael Cutajar proprio et nomine Vs S.C. & Company Limited** deciza fit-8 ta`Ottubru 2004 u **Saviour Borg et. vs Joseph Degiorgio et**. deciza fl-1 ta`Lulju 1999)*

*Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "**Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**" fis-6 ta` Mejju 2014, kienet trattata talba ghas-sejha fil-kawza fil-kors ta` azzjoni dwar ksur ta` jedd fondamentali. Il-Qorti qalet hekk:-*

*"Illi huwa maghruf li biex il-Qorti tilqa` talba ghal sejha fil-kawza ta` terzi jehtieg jintwera li jkunu jezistu l-elementi mitluba mid-duttrina l-izjed stabilita f`dan ir-rigward. Minn kliem il-ligi, s-sejha fil-kawza ta` terza persuna waqt li l-kawza tkun miexja bejn partijiet ohrajn tista` tintalab biss meta l-kawza tkun ghadha ma thallietx ghas-sentenza u biss fi proceddiment li jkun ghadu fl-ewwel istanza. Izda tali sejha tista` ssir kemm fuq talba ta` xi wahda mill-partijiet u kif ukoll, minghajr dik it-talba, mill-Qorti nnifisha jekk jidhrilha li huwa xieraq li dan isir (ara per ezempju P.A. JSP 4.5.1992 fil-kawza fl-ismijiet **Jean Depasquale noe vs David Jones**);*

*Illi l-principju ewlieni li ghandu jitqies huwa li l-imsejjah fil-kawza, b`differenza minn dak li jkun indahal fil-kawza minn rajh in statu et terminis, jitqies bhallikieku kien imharrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza moghtija f`dik il-kawza jista` jinheles jew jigi kundannat daqslikieku l-kawza inharget mill-bidunett kontrih;*

*Illi s-sejha fil-kawza, jew kif kien maghruf fl-imghoddi, l-intervent koatt (biex jintgharaf mill-intervent volontarju li ghalih japplika l-artikolu 960 tal-*

*Kap 12), ghandha l-ghan li tevita li jkun hemm ghadd ta` kawzi fuq l-istess mertu (App. Civ. 23.3.1962 fil-kawza fl-ismijiet* ***Sant Cassia et vs Montebello et*** *(Kollez. Vol:XLVI.i.171) meta dawk il-persuni jistghu jitqieghdu f`gudizzju wiehed li jikkonsidra l-qaghda rispettiva taghhom (Ara per ezempju, App. Civ. 23.11.1898 fil-kawza fl-ismijiet* ***Stepton vs Spiteri*** *(Kollez. Vol: XVI.i.117). Huwa essenzjali, ghalhekk, li persuna msejha fil-kawza jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta` listitut tas-sejha fil-kawza johrog mill-kuncett fondamentali ta` interess tal-parti li toqghod f`gudizzju;*

*Illi l-interess li jsejjes is-sejha fil-kawza ghandu jkun fl-ezitu talgudizzju, mhux necessarjament fis-sens li l-imsejjah fil-kawza jkun kundannat jew mehlus, imma fis-sens li jsostni r-ragunijiet tal-attur jew tal-imharrek, jew sahansitra tieghu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet (Ara App. Civ 27.1.1997 fil-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Azzopardi et noe vs Calcedonio sive Donald Attard et****). Imma, fi kwalunkwe kaz, l-interess tal-imsejjah fil-kawza ghandu jkun ta` livell bhal dak imfisser minn hafna sentenzi taghna bhala l-interess guridiku li ghandu jkollha parti fil-kawza. Fil-kaz prezenti, dan l-interess li jrid jintwera ghandu jkun l-interess ta` persuna mharrka;*

*Illi huwa stabilit ukoll li, minbarra l-ghan tal-ekonomija talgudizzji, l-istitut tas-sejha fil-kawza huwa mahsub ukoll li jiggarantixxi l-integrita` tal-gudizzju. Izda nghad ukoll li "l-istitut tal-kjamata fil-kawza ma jistax jigi applikat, m`ghandux ikun hemm rikors ghalih, fil-kazijiet fejn il-gudizzju jkun diga` integru bil-prezenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir-responsabbilta` tal-konvenut vis-a`-vis l-attur hija indubitata indipendentement minn x`relazzjonijiet jista` jkollu hu ma` haddiehor li, kwantu l-attur, jibqa` terz" (App. Inf. 18.5.1995 fil-kawza fl-ismijiet* ***Farrugia vs Fava*** *(Kollez. Vol: LXXIX.ii.1110);*

*Illi, kif inghad, il-Qrati taghna stabilew regoli li dwarhom is-sejha fil-kawza jmissha tigi meqjusa, u, b`mod partikolari, f`liema cirkostanzi ghandha tintlaqa` talba ghal tali sejha u, b`mod izjed siewi, meta m`ghandhiex jew ma jmisshiex tintlaqa` talba bhal din;*

*Illi l-Qorti ghandha tordna s-sejha fil-kawza jekk il-persuna li taghha tintalab din is-sejha jkollha dak l-interess li huwa mehtieg mil-ligi f`persuna biex minnu tista` tigi proposta azzjoni jew biex tigi opposta kontestazzjoni (P.A. 29.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet* ***Libreri vs Staines noe*** *(Kollez. Vol: XXIX.ii.706) u s-sentenzi hemm imsemmija). Madankollu, s-sejha fil-kawza m`ghandhiex tintuza biex jidhlu fil-kawza persuni li, ghalkemm ghandhom l-interess mehtieg, jiddahhlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt gew imharrkin, jew ikunu gew imharrkin hazin (P.A. 6.2.1962 fil-kawza fl-ismijiet* ***Tabone noe vs Magri*** *(Kollez. Vol: XLVI.ii.561) u l-bosta sentenzi hemm imsemmija; u App. Kumm. 19.5.1995 fil-kawza fl-ismijiet* ***Wismayer et vs Wismayer et*** *(Kollez. Vol: LXXIX.ii.955);*

*Illi ghalkemm normalment is-sejha fil-kawza ssir mill-parti mharrka, kif jidher mill-artikolu tal-ligi fuq imsemmi, din it-talba tista` ssir ukoll minn min ikun fetah il-kawza. Tista` ssir ukoll mill-Qorti ex ufficio, izda qatt minn u fuq talba tal-imsejjah innifsu (App. Civ. 11.5.2011 fil-kawza fl-ismijiet* ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Sahha Pubblika noe et****). Ghal xi zmien kien jinghad li ma ghandhiex tintlaqa` talba ghas-sejha fil-kawza minnaha tal-attur meta dan seta` jew suppost li kien jaf bl-ezistenza jew l-interess ta` persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa messu harrek sa mill-bidu (App. Civ.: 14.1.1938 fil-kawza fl-ismijiet* ***Captur vs Felice*** *(Kollez. Vol: XXX.i.1) u s-sentenzi hemm imsemmijin). Izda llum jidher li t-tifsira vera ta` dan il-punt thares izjed lejn il-kwestjoni tal-interess guridiku tal-imsejjah milli lejn l-gharfien jew le tal-attur (qabel*

*ma bdiet il-kawza) dwar kull min seta` kellu interess (Ara P.A. JSP 16.3.1993 fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Ripard et vs Onor. Prim Imhallef Carmelo Schembri et*** *u s-sentenzi hemm imsemmija) u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejha fil-kawza ma tintuzax biex jiddahhal fil-kawza mharrek iehor flimkien mal-imharrek originali li ma messu tharrek qatt (App. Civ. 26.4.1971 fil-kawza fl-ismijiet:* ***Vincenzina Cassar vs Anthony Vella*** *u s-sentenzi hemm imsemmija);*

*Illi meta saret it-talba f`isem ir-rikorrent biex din il-Qorti tordna ssejha fil-kawza tal-Avukat Generali, l-gharef difensur tieghu iggustifika t-talba fuq dak li jissemma fil-paragrafi ghaxra (10), hdax (11) u tnax (12) tar-rikors promotur. Dawn it-tliet paragrafi jitkellmu dwar ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent min-naha tal-Qrati li kienu qeghdin jisimghu l-kaz tieghu u qatghu s-sentenzi rispettivi. Huwa zied jghid li "din it-talba la tolqot negattivament u lanqas tippregudika lill-intimati prezenti. Inoltre dejjem gie ritenut illi filproceduri quddiem il- Prim`Awla Kostituzzjonali tigi adottata flessibilita` bil-ghan illi l-proceduri jistghu jwasslu ghall-ksib ta` rizultat li ghalih kienu intizi";*

*Illi, wara li qieset il-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija u dan filqafas tat-taghrif li tressaq s`issa quddiem din il-Qorti, hija tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent jixraq li tintlaqa`. Fl-ewwel lok, ghalkemm huwa minnu li l-intimati ma qajmu l-ebda eccezzjoni dwar jekk humiex il-kontradittturi legittimi tal-azzjoni attrici u lanqas eccezzjoni dwar in-nuqqas ta` integrita` tal- gudizzju, it-tliet paragrafi msemmija tar-rikors promotur jirrigwardaw ilmenti ta` ksur ta` dritt fundamentali min-naha ta` istituzzjoni (l-qrati) li zzewg intimati ma jirrapprezentaw bl-ebda mod. Fit-tieni lok, il-persuna li l-gurisprudenza tqis bhala l-legittimu kontradittur xieraq f`kazijiet fejn jitqajjem ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali dwar smigh xieraq minhabba operat partikolari ta` qorti huwa l-Avukat*

*Generali (Ara, b`ezempju, Kost. 8.11.2004 fil-kawza fl-ismijiet:* ***Xuereb vs Registratur tal-Qrati et*** *(Kollez. Vol: LXXXVIII.i.360) u Kost. 7.10.2005 fil-kawza fl-ismijiet:* ***Mark Lombardo vs Kunsill Lokali Fgura et*** *fost bosta ohrajn). Fit-tielet lok, it-talba ghas-sejha fil-kawza saret f`waqt li l-ligi thalli li ssir ladarba l-kawza ghadha fl-istadju (ghalkemm inoltrat) tat-tressiq tal-provi tal-intimati, u ghadha ma thallietx ghas-sentenza;*

*Illi l-Qorti tqis li ladarba kien ir-rikorrent innifsu li talab is-sejha fil-kawza u dan wara li kien iddikjara li ma kellux aktar provi x`iressaq, hija qieghda tilqa` t-talba tieghu biss ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq u bil-fehma shiha li ma jergax jinfetah il-gbir tal-provi tar-rikorrent u dan ghaliex ir-ragunijiet li wasslu biex ittalba tieghu tintlaqa` kienu jezistu sa mill-bidu tal-kawza u messhom kienu hwejjeg maghrufa minn dak il-waqt. Minbarra dan, is-sejha fil-kawza tal-Avukat Generali trid issir bi spejjez ghar-rikorrent."*

*Fil-kawza "****Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Generali et****" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta` Frar 2013, din il-Qorti diversament presjeduta ttrattat il-kwistjoni ta` min huwa l-legittimu kontradittur fil-kaz ta` azzjoni ghal ksur ta` jedd fundamentali.*

*Inghad hekk:-*

*"Illi l-kwestjoni ta` min huwa l-legittimu kontradittur xieraq f`azzjoni ta` ksur ta` jedd fundamentali tmur lil hinn mill-kwestjoni tal-interess guridiku tal-parti. Il-qofol tal-azzjoni ta` lment dwar ksur ta` jedd fundamentali huwa l-ghoti ta` rimedju xieraq ghal tali ksur, minbarra s-sejbien fih innifsu tal-ksur;*

*"Illi l-Qorti taghraf il-fatt li l-kwestjoni dwar min ghandu jwiegeb ghall-ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali tal-bniedem ilha zmien tkidd lil min*

*ikun involut f`kawzi bhal dawn. Biz-zmien, tfasslu regoli ta` prattika biex jingharaf kontra min kawza bhal din imissha titressaq (Per ezempju, ara Kost. 7.12.1990 fil-kawza fl-ismijiet* ***Abela v. Il-Prim Ministru et*** *(Kollez. Vol: LXXIV.i.261). Il-hsieb dejjem kien li eccezzjoni bhal din m`ghandhiex isservi biex jitwal il-process tas-smigh tal-ilment fil-mertu, imma biex jigi mistharreg min tassew jista` jaghti r-rimedju f`kaz li jirrizulta li lilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wiehed misthoqq (Kost. 6.8.2001 fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph M. Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et****). Mad-dhul fis-sehh fil-bidliet estensivi li saru filKodici tal-Procedura fl-1995, u b`mod partikolari fl-artikolu dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern fil-kawzi, jidher li tqies li l-problema tal-legittimu kuntradittur kienet b`hekk twittiet darba ghal dejjem. Dan l-izjed minhabba li l-artikolu 181B ma kien jaghmel l-ebda distinzjoni dwar l-ghamla ta` procedura gudizzjarja li ghaliha kien jirreferi.*

*Mhux hekk biss, imma l-imsemmi artikolu jaghmel parti minn Titolu tal-Kodici li d-dispozizzjonijiet tieghu "jghoddu ghall-qrati kollha" (Art. 193 tal-Kap 12);*

*….*

*Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta` min ghandu jwiegeb ghal xilja ta` ksur ta` jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta` rimedju li jista` jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-rejalta` u ghalhekk sawru ddistinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta` persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntradditturi f`azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghamil li jikser id-dritt fundamentali ta` persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li*

*bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta` xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f`kawza meta kwestjoni ta` xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta` xi kawza f`qorti (Kost. 7.12.1990 fil-kawza fl-ismijiet **Abela v. Onor. Prim Ministru et** (Kollez. Vol: LXXIV.i.261); u Kost. 6.8.2001 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Mary Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et**).*

*Ma` dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta` kull interess involut fil-kwestjoni;*

*Illi jekk wiehed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrenti f`din il-kawza, wiehed isib li hija l-ligi nnifisha li qieghda tkun attakkata bhala dik li biha huma qeghdin igarrbu ksur ta` jedd fundamentali taghhom. Huwa minnu li huma m`humiex qeghdin jattakkaw issiwi nnifsu tal-ligi, izda huma qeghdin jilmintaw minn ligi li, bilmod kif tithaddem, iggibilhom hsara fit-tgawdija ta` hwejjighom.*

*Minbarra dan, qeghdin jitolbu li jinghataw rimedju (kumpens) minhabba l-effetti ta` dik il-ligi;*

*Illi, jekk il-kaz tar-rikorrenti jittiehed f`dan id-dawl, jigi li, filwaqt li l-azzjoni tar-rikorrenti kontra l-intimat Avukat Generali tressqet sewwa kontrih, ma jistax jinghad l-istess dwar l-intimati mizzewgin Tabone;*

*…*

*Illi, min-naha l-ohra, l-intimati mizzewgin Tabone ghandhom ragun jghidu li huma la kellhom x`jaqsmu meta ghaddiet il-ligi, la kienu huma li dahhluha fis-sehh u lanqas kienu huma l-awtorita` li ippromulgatha. Il-qaghda taghhom f`din il-kwestjoni hija biss li huma nqdew bil-jeddijiet li tathom l-imsemmija ligi u mxew maghha.*

*Minhabba f`hekk, la jistghu jaghtu rimedju lir-rikorrenti u wisq anqas jistghu jinstabu hatja li qeghdin jikkommettu l-ksur ilmentat. Kif inghad, ir-rikorrenti jishqu li l-intimati huwa posthom fil-kawza minhabba li, bhala l-kerrejja tal-post, ghandhom tabilfors interess qawwi fl-ezitu taghha;*

*Illi, kif inghad aktar qabel, l-interess tal-intimati f`dak li jista` jsehh ma jissarrafx minnu nnifsu f`legitimazzjoni passiva tal-azzjoni tarrikorrenti, l-aktar meta wiehed iqis it-termini partikolari ta` azzjoni ta` lment dwar ksur ta` jeddijiet fundamentali. Huwa minnu li lintimati seta` kellhom interess li jintervjenu fil-kawza wkoll kieku ma kenux imharrkin, izda dan is-sehem taghhom fil-kawza kien ikun bhala "amicus curiae" fid-determinazzjoni tal-kwestjoni jew, flaqwa ipotezi, ghal ghanijiet ta` integrita` tal-gudizzju;*

*Illi, madankollu, l-Qorti tqis li minn kif inhija mfassla l-azzjoni tarrikorrenti, ma jistax iwassal li l-intimati (ladarba ghazlu din il- linja ta` difiza) ghandhom ikunu huma li jwiegbu ghall-ilmenti talistess rikorrenti, u wisq anqas li jkunu huma li jaghtu l-kumpens mitlub. Wara kollox, jekk wiehed ihaddem il-principju li qui suo jure utitur neminem laedere videtur, wiehed qajla jista` jara kif lintimati Tabone, talli qeghdin jinqdew minn harsien u jedd li taghtihom ligi u fil-limiti ta` dik il-ligi, jistghu jkunu hatja ta` ksur ta` jedd ta` haddiehor (is-sid tal-post);*

*Illi, fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li ghandha tichad l-eccezzjoni safejn din tressqet mill-intimat Avukat Generali, izda tilqaghha safejn tressqet (taht iz- zewg eccezzjonijiet preliminari relativi) mill-intimati mizzewgin Tabone."*

*Fl-istadju tal-appell minn din id-decizjoni, il-Qorti Kostituzzjoni ttrattat aggravju fis-sens li bl-estromissjoni mill-kawza tal-intimati konjugi Tabone "jekk (il-Qorti) issib it-talbiet attrici huma fondati ma tkunx tista`*

*taghti r-rimedju effettiv ta` zgumbrament kif mitlub mit-tieni talba ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, u ghalhekk l-intimati Tabone ghandhom jibqghu in kawza."*

*Il-posizzjoni li hadet l-Ewwel Qorti ma kenitx kondiviza mill-Qorti Kostituzzjonali. Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjoni qalet hekk :-*

*"[11] Illi fl-ewwel lok jigi osservat li, kif ritenut fil-gurisprudenza lokali, biex gudizzju jkun integru jehtieg li, ghall-ahjar gudizzju talQorti, jippartecipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawza. B`hekk tigi assigurata kemm jista` jkun l-effikacita` tal-gudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu partecipi fih, kif ukoll jigi rispettat il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm bzonn ta` ripetizzjoni ta` proceduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f`gudizzju wiehed. Il-gudizzju jibqa` integru mill-mument li jiehdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra taghhom dak listess dritt jikkompeti (App.Civ.* ***Joseph Borg v. Francis Vassallo*** *[2000] Vol.LXXXIV.II.42; App. C.* ***Zahra De Domenico v. Zahra De Domenico*** *15.01.1992.)*

*[12] Fil-kaz in dizamina, ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li l-applikazzjoni fil-konfront taghhom tal-Artikolu 5 talKap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta, huwa leziv tad-dritt fundamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta`, inkwantu dan l-Artikolu, kif emendat bl-Att XXIII tas-sena 1979, huwa ta` ostakolu legali ghalihom biex jirriprendu l-pussess tal-proprjeta` taghhom minghand l-inkwilini, l-intimati konjugi Tabone, wara li kien skada 13 l-perjodu lokatizju ta` hames snin pattwit fl-iskrittura privata tas-7 ta` Marzu 1979. Inoltre, fir-rikors promotur ir-rikorrenti qed jitolbu li jinghataw rimedju xieraq.*

*[13] Mill-premess ghandu jirrizulta car li l-intimati konjugi Tabone, bhala inkwilini tal-fond de quo, u tenut kont tal-fatt li proprju l-inkwilinat taghhom jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, ghandhom interess guridiku u ghalhekk ikunu partecipi fil-kawza li jista` jkollha effetti legali anke fuqhom.*

*[14] Inoltre, din il-Qorti tosserva li l-istadju li fih ghadha l-kawza, mhuwiex opportun li jigi diskuss il-punt tar-rimedju xieraq, meta ghadu ma giex deciz il-punt pre-ordinat ghall-istess, u cioe` jekk filfatt tezistix il-lezjoni pretiza mir-rikorrenti ghad-drittijiet fundamentali taghhom.*

*[15] Ghaldaqstant l-aggravju huwa gustifikat, u ser jigi milqugh."*

*Fuq l-istregwa ta` uhud mis-sentenzi fuq riferiti, din il-Qorti kif ippresjeduta kienet tat decizjoni fit-28 ta` Settembru 2017 fil-kawza: **Maria Ewkaristika Farrugia et vs L-Avukat Generali**: fejn kellha quddiemha talba simili ghal dik tal-lum. Il-Qorti ppronunzjat ruhha hekk :-*

*"Premessi dawn il-fatti, il-Qorti tqis illi fil-kawza tal-lum qed ikun allegat ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tqis illi ghall-fini ta` l-ilment tar-rikorrenti dwar allegat ksur tal-jedd taghhom dwar smigh xieraq fil-kors tal-proceduri gudizzjarji fuq riferiti, Martin Farrugia ma jiccentra xejn.*

*L-ezami fil-mertu li trid taghmel din il-Qorti huwa li tistabilixxi jekk bil-mod kif kienu kondotti iz-zewg procedimenti gudizzjarji fuq riferiti kienx hemm lezjoni ghall-jedd fondamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif tutelati bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.*

*Ma hemm l-ebda kwistjoni ta` integrita` ta` gudizzju.*

*Il-kawza tal-lum m`ghandhiex x`taqsam mal-mertu tal-kawza Ref Nru 17/2016 JVC.*

*L-ilment dwar smigh xieraq jolqot il-konduzzjoni taz-zewg procedimenti gudizzjarji fuq riferiti, indipendentement millposizzjoni ta` Martin Farrugia. Il-fatt illi Martin Farrugia huwa parti fiz-zewg proceduri gudizzjarji fuq riferiti ma jaghmlux ipso facto parti fil-kawza tallum fejn qieghed ikun trattat biss allegat ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.*

*Imkien ma qieghed ikun allegat illi Martin Farrugia kien kompartecipi fl-allegat ksur tal-jedd ghal smigh xieraq. Huwa l-Avukat Generali wahdu li ghandu jwiegeb skont il-ligi ghall-lanjanzi tar-rikorrenti."*

*Decizjoni relevanti ohra dwar il-kwistjoni in ezami kienet dik illi tat din ilQorti diversament presjeduta fl-10 ta` Mejju 2017 fil-kawza:* ***Grace Spiteri vs L-Avukat Generali****: fejn inghad hekk:-*

*"Din il-Qorti tqis illi Amabile Grech et al, qua cittadini privati ma jistghu qatt jirrispondu ghat-talbiet tar-rikorrenti. Kif sewwa ntqal mir-rikorrenti, il-Kostituzzjoni torbot lill-Istat fil-konfront taccittadin, u ghalhekk huwa l-Istat biss li jista` jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti.*

*Amabile Grech et al, qua cittadini privati, ma jistghux legalment jirrispondu ghall-allegata inkostituzzjonalita tal-procedura ta` rikuza ta` Imhallef, jew jehlu l-ispejjez ta` din il-kawza.*

*Huwa l-Istat li huwa vestit bl-obbligu li jassigura u jipprotegi ddrittijiet fundamentali tal-bniedem.*

*Ghalhekk ic-cittadin privat ma jistghax ikollu interess guridiku sufficjenti f`dawn il-proceduri, peress illi bl-ebda mod ma jista` jinzamm responsibbli ghal allegat ksur ilmentat mir-rikorrenti. Filfatt, ir-rikorrenti stess mhux qed jilmentaw mill-agir ta` Amabile Grech et al, li wara kollox agixxew skont il-ligi, izda minn dak tallstat, senjatament mill-allegat nuqqas da parti tal-legislatur illi jipprovdi rimedji xieraq f`kaz fejn l-*

*imparzjalita ta` gudikant tkun qed tigi kontestata jew impunjata minn xi parti f`kawza.*

*Il-Qorti tqis illi m`hemmx necessita' illi Amabile Grech et al ikunu parti minn dawn il-proceduri sabiex l-istess proceduri jkunu integri, ghaliex apparti dak li inghad hawn fuq, il-konkluzjoni tal-Qorti f`din il-kawza m`hijiex ser tincidi fuq il-mertu tal-kawza li hija suggett f`dawk il-proceduri."*

Sintetikament ghalhekk dawn il-principji gurisprudenzjali juru li -

1. Talba ghall-kjamat in kawza ta' terza persuna titqies favorevolment primarjament meta l-prezenza ta' tali persuna fil-proceduri tkun indispensabbli ghall-kompletezza tal-gudizzju;

2. F'diversi kazi pero', anke jekk il-gudizzju kien integru, xorta giet ordnata l-kjamata in kawza ta' terza persuna, u dan sabiex jigu protetti d-drittijiet ta` min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja;

3. L-interess mehtieg biex persuna tiddahhal f'kawza ghandu jkun bhall-interess guridiku li ghandu jkollha parti fil-kawza, madankollu dan l-interess jista` jkun anke mibni fuq il-fatt li anke jekk ma jigix direttament kundannat jew liberat, il-kjamat ikun jista` jressaq ir-ragunijiet tieghu favur jew kontra t-tezi ta' min qed jipproponi l-kawza jew tal-intimat, jew addirittura tieghu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet;

4. Fir-rigward ta' proceduri ta' natura kostituzzjonali bhal dak tal-lum, huwa minnu li fil-principju, kif anke osservat ir-rikorrenti odjerna, huwa l-Istat li jgorr ir-responsabbilta' ghall-ksur ta' drittijiet fundamentali tal-parti

leza. Madankollu anke n-natura tar-rimedju mitlub jew akkordat jista' jwassal ghat-tnissil ta' nteress guridiku f'terzi persuni privati li jistghu jigu affetwati bir-rimedju moghti jekk il-kaz kostituzzjonali jkollu ezitu favorevoli ghar-rikorrenti. Ezempju wiehed huwa f'kawzi kostituzzjonali fejn sidien ta' proprjetajiet jallegaw illi huma qeghdin jigu mcahhda mill-proprjeta' taghhom bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom minhabba ez. dak li jistipulaw xi dispozizzjonijiet tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll ta' Djar (Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta). F'tali kawzi, ghalkemm strettament huwa l-Istat li jkun promulga l-ligi meqjusa leziva u huwa l-Istat ukoll li *se mai* jinstab li kiser id-drittijiet fundamentali tas-sid, ir-rimedju moghti mhux l-ewwel darba li ma jkunx limitat biss ghall-kumpens pekunarju izda jigi deciz ukoll li b'rizultat tal-ksur imsemmi, fl-eventwalita' ta' kawza ghal zgumbrament kontra l-inkwilin li jkun jabita fil-fond in kwistjoni, tali nkwilin ma jkunx jista' jinvoka l-protezzjoni tal-ligi msemmija a favur tieghu bhala difiza.

Hekk fost ohrajn issir referenza ghall-kaz kostituzzjonali **Dr Cedric Mifsud et noe vs Avukat Generali et** (Rik kost 34/10). L-inkwilin f'dak il-kaz kien gie kjamat fil-proceduri peress li fost ir-rimedji mitluba ghall-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali kien hemm dawk li propju jolqtu l-interessi u d-drittijiet tieghu qua inkwilin direttament (Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti -*"Taghti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji li jidhrilha li huma xierqa fis-sitwazzjoni, inkluz li jergghu jiehdu l-pussess tal-art".* Effettivament tali rimedju gie akkordat meta l-Qorti ddecidiet li -*"Tiddikjara li l-Artikolu 12(2) tal-Ordninanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta) hu inkonsistenti mad-dritt fundamentali tarrikorrenti taht l-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 1 fir-rigward tal-fond numru 13, Charlotte Alley, Gharghur, u ghalhekk m'ghandux effett. Ghaldaqstant l-intimat Camilleri ma jistax jinvoka dan il-provvediment biex jibqa' jabita fil-fond oggett ta'*

*dawn il-proceduri".* Din il-parti tas-sentenza giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014).

L-istess jinghad ghall-kaz citat fis-suespost minn din il-Qorti **L-On. Dr Simon Busuttil vs L-Avukat Generali** fejn gie deciz li l-eccezzjoni tal-intimati ghall-kjamat fil-kawza tal-persuni mitluba kellha tintaqa' ghax l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali seta' jkollu mpatt fuqhom. Il-Qorti qalet hekk -

*"Il-Qorti tkompli tirrimarka illi l-kawza tal-lum kienet promossa wara li d-diversi rikorsi ta` appell intavolati skont il-ligi mill-persuni ndikati fit-tielet eccezzjoni kienu lkoll assenjati ghas-smigh quddiem l-Onor. Imhallef Antonio Mizzi, li min-naha tieghu cahad it-talba ghal rikuza mis-smigh ta` dawk irrikorsi, li tressqet mir-rikorrent odjern.*

*Abbazi tal-fatti li jirrizultaw mill-atti, u fl-isfond tal-gurisprudenza fuq citata, ghal din il-Qorti huwa bil-wisq evidenti li l-persuni kollha ndikati fit-tielet eccezzjoni ghandhom l-interess rikjest mil-ligi sabiex ikunu parti fil-procediment odjern billi kemm dan il-procediment kif ukoll l-esitu tieghu huwa direttament, sostanzjalment u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi relatat mal-appelli tal-persuni mill-provvediment tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.*

*B`zieda ma` dan, il-Qorti hija tal-fehma illi fir-rikors tal-lum, kuntrarjament ghat-talbiet li saru fil-kawzi: **Grace Spiteri vs L-Avukat Generali**; u **Ewkaristika Farrugia et vs L-Avukat Generali**, ma hemmx biss talba sabiex jigi dikjarat li digriet partikolari jew procedura partikolari qeghda tikser jew x` aktarx ser tikser id-dritt ta` smigh xieraq tar-rikorrent.*

*Tant dan huwa hekk illi fil-kaz tal-lum, permezz tat-tieni talba, il-qorti hija mitluba thassar, tannulla u tirrevoka kwalsiasi digrieti u/jew sentenzi li tat*

*il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor Imhallef Antonio Mizzi fir-rikorsi inkluz izda mhux limitat ghal digrieti jew sentenzi li jolqtu l-mertu ta` l-istess rikorsi.*

*B`din it-talba, qed jintalab li minhabba allegata lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq, id-digrieti u sentenzi diga` moghtija jigu mhassra u annullati, inkluz dawk li jolqtu l-mertu tar-rikorsi pprezentati mill-persuni ndikati fl-eccezzjoni li qeghda tkun deciza llum.*

*Abbazi tal-premess, ghandu jirrizulta car li l-persuni koncernati, bhala l-persuni li pprezentaw ir-rikorsi de quo quddiem il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imhallef Antonio Mizzi, ghandhom l-interess shih li trid il-ligi sabiex ikunu parti fil-kawza tal-lum, li tista` twassal, in vista tat-talbiet li ressaq ir-rikorrent fil-kawza tal-lum, ghat-thassir ta` provvedimenti li jirrigwardaw direttament dawk il-persuni.*

*Din il-Qorti ssib konfort ghal dak li qeghda tghid f`diversi istanzi kostituzzjonali fejn fil-kaz ta` sitwazzjonijiet kwazi-identici ghal din tal-lum, qrati ta` gurisdizzjoni bhal din tal-lum ordnaw il-kjamata fil-kawza ta` persuni bl-interess li trid il-ligi. In partikolari tirreferi ghad-digriet tat-30 ta` Gunju 2015 li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet* ***Lawrence Grech et vs L-Avukat Generali et****.*

Certament ghalhekk li dawn huma biss uhud mid-diversi istanzi fejn it-terz privat ghandu jkun parti mill-kawza kostituzzjonali ghaliex potenzjalment jista’ jigi affetwat mill-ezitu ta’ dawk l-istess proceduri.

**Stabbiliti dawn il-principji l-Qorti tqis li l-eccezzjoni tal-intimati fil-kaz tal-lum hija gustifikata.**

Ir-rikorrenti qeghda tressaq lanjanza li tirrigwarda r-ritorn ta' binha u iben Dean Michael Roche lejn ir-Renju Unit. Fl-ewwel u t-tieni talba taghha r-rikorrenti qeghda nfatti tfittex proprju minghand din il-Qorti dikjarazzjoni li tali ritorn tal-minuri lejn ir-Renju Unit tikkostitwixxi ksur ta' drittijiet fundamentali kemm taghha kif ukoll tat-tifel. Tali materja dwar ir-ritorn tal-minuri f'dak il-pajjiz hija sal-lum kristalizzata minn sentenza tal-Qorti tal-Appell fit-30 t'Ottubru 2015 **Rik Nru 10/2015** fl-ismijiet **Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali vs Sharon Rose Roche** wara proceduri li nbdew mill-Awtorita' kompetenti Maltija fuq talba ta' missier il-minuri Dean Michael Roche tramite l-awtorita' kompetenti tar-Renju Unit. Fit-tielet talba taghha mbaghad ir-rikorrenti tattakka ulterjorment tali sentenza tal-Qorti tal-Appell ghax tallega li din hija f'kunflitt ma' decizjoni ohra moghtija minn Qorti fil-prim Istanza[13] li akkordatilha l-kura u kustodja shiha tal-minuri. Bhala rimedju mbaghad fir-raba' talba taghha r-rikorrenti, oltre kumpens pekunarju qegha titlob ukoll l-ghoti ta' dawk ir-rimedji kollha li l-Qorti jidhrilha "xierqa u opportuni".[14]

F'tali cirkustanzi, Michael Dean Roche, bhala l-persuna li ta bidu ghal dan il-process ghar-ritorn ta' ibnu gewwa r-Renju Unit zgur li ghandu l-interess guridiku mehtieg biex jiddahhal parti mill-proceduri kostituzzjonali. Dan in vista tal-fatt li f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti, ir-rimedju jista' jkun it-thassir u non-enforzabilita' tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 t'Ottubru 2015.

Tali ezitu minghajr ma tinghata l-opportunita' lill-istess Dean Michael Roche biex ikun direttament partecipi fil-kawza biex iressaq ir-ragunijiet tieghu in difiza kontra l-pretensjoniet tar-rikorrenti huwa meqjus li jwassal ghal pregudizzju serju ghad-drittijiet tieghu.

---

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

L-istess jinghad fir-rigward tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti li jolqtu s-sentenza **Sharon Rose Roche nee' Bellamy vs Dean Michael Roche** deciza mill-prim istanza fil-21 ta' Frar 2017, proceduri li r-rikorrenti odjerna kienet istitwiet direttament kontra l-istess Michael Dean Roche ghall-kura u kustodja ta' binhom. Decizjoni ta' din il-Qorti li tista' tinfluwixxi fuq l-ezitu ta' dik is-sentenza kif ukoll fuq l-appell li l-missier stess intavola quddiem il-Qorti tal-Appell, tista' tippregudika l-interess dirett u l-pozizzjoni tieghu f'dik il-kawza jekk huwa ma jkunx kjamat fil-proceduri tal-lum.

Del resto Michael Dean Roche kien ukoll thalla mill-Qorti jippartecipa fil-proceduri kostituzzjonali Rik Nru 81/15 fl-ismijiet **Sharon Rose Roche pro et noe vs L-Avukat Generali et** anke jekk mhux bhala kjamat in kawza izda bhala ntervenut.

In fine b'referenza ghall-kaz **Maria Ewkaristika Farrugia et vs Avukat Generali** citat mir-rikorrenti in sostenn tat-tezi taghha l-Qorti ssib li l-insenjament hemm moghti ma jsib ebda applikazzjoni fil-kaz tal-lum. Kuntrarjament ghall-fattispecje tal-kaz odjern, u kif rikonoxxut minn dik l-istess Qorti, <u>l-ilment tar-rikorrenti Farrugia et ma kienx jolqot il-mertu *per se* tal-kawza li fiha kien involut it-terz li tieghu intalbet il-kjamat in kawza</u>, izda kienet kwistjoni li tirrigwarda unikament il-mod kif tmexxew il-proceduri hemm imsemmija mill-lat ta' smiegh xieraq. Il-pozizzjoni tat-terz in kwistjoni f'dawk l-istess proceduri ma kellha x'taqsam xejn u ghalhekk ma nstabet ebda htiega li hu jkun parti mill-kawza kostituzzjonali.

Ma hemm ghalhekk ebda lok ta' paragun bejn dak il-kaz u dan tal-lum.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

**1. Tilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali u l-Avukat Generali u tordna l-kjamat in kawza ta' Michael Dean Roche.**

**2. Tordna n-notifika tal-atti lill-kjamat fil-kawza, spejjez u karigu tal-intimati u takkorda lill-kjamat fil-kawza terminu ta' ghoxrin (20) jum min-notifika sabiex jintavola risposta.**

**3. L-ispejjez konnessi mas-sentenza tal-lum jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**